# DAĦLA

**Dan il-pakkett ta' riżorsi għat-taħriġ tfassal għal individwi, organizzazzjonijiet u komunitajiet sabiex jitħeġġeġ l-għarfien b'riżq l-ugwaljanza bil-għan li n-nisa jkomplu jissaħħu.**

Dan il-pakkett tfassal mill-organizzazzjonijiet li ġejjin mill-Irlanda ta' Fuq, l-Italja, Spanja, il-Litwanja u Malta li bejniethom jiffurmaw is-Sħubija 'Empower' (www.empowereurope.com).

• Possibilities (L-Irlanda ta' Fuq) - www.gingerbreadni.org
• Vilnius Archdiocese Caritas Mother and Child Home (Il-Litwanja) - http://vilnius.caritas.lt
• ATI Donne (L-Italja) - www.equaldonnalecce.it
• Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (Malta) - http://equality.gov.mt
• Agrupación de Desarrollo San Andrés del Rabanedo (Spanja) - www.proyectodual.org

Dan il-proġett huwa kkofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew taħt il-Programm ta' Inizjattiva Komunitarja EQUAL.

## X'NIFHMU META NGĦIDU TISĦIĦ?

Meta qed nitkellmu dwar tisħiħ qed infissru proċess ta' bidla li jitlaq mill-individwu sa ma jilħaq lis-soċjetà bil-għan li matulu, kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jieħdu sehem indaqs f'kull qasam tal-ħajja.

**Waqt il-proċess ta' tisħiħ, li matulu nibdew nifhmu x'jiġifieri jkollok l-AWTORITÀ li tagħmel xi ħaġa, nitlaqgħu ma' tliet fażijiet.**

1. it-tisħiħ individwali
2. it-tisħiħ kollettiv
3. it-tisħiħ soċjali

It-tisħiħ individwali jipprova jgħin lill-persuna tibni identità personali, dehra personali u stima fiha nnifisha.  Matul il-proċess ta' tisħiħ individwali, kull mara tieqaf teżisti bħala ħlejqa "għall-oħrajn" biex issir dik il-qawwa li biha kapaċi tmexxi ħajjitha. Hu proċess li jinvolvi bidla personali li twassal sabiex il-mara tinbidel f'persuna distinta, unika u indipendenti, bil-personalità u l-ideat tagħha, bil-ħila li tiddeċiedi u taġixxi minn jeddha, b'mod ħieles u b'determinazzjoni.

Min-naħa tiegħu, l-għan tat-tisħiħ kollettiv hu li titrawwem rabta intima, jiġifieri organizzazzjoni fost in-nisa li jagħrfu lil xulxin u li jaħdmu flimkien sabiex jegħlbu u jxejnu kull sitwazzjoni ta' inugwaljanza.

It-tisħiħ soċjali għandu għan demokratiku minħabba li jipprova jqanqal il-bidliet meħtieġa sabiex jinħolqu opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel, f'oqsma daqstant diversi bħalma huma l-ħajja soċjali, l-ekonomija, il-politika u l-kultura.
M'hemmx dubju li, l-proċess ta' tisħiħ ifittex li l-persuna jkollha aktar sehem fid-deċiżjonijiet li jittieħdu filwaqt li jkollha aċċess akbar għal pożizzjonijiet ta' awtorità u dan bis-saħħa ta' ftehim kemm fuq bażi individwali (personali), kollettiva (bejn in-nisa) u soċjali (bejn in-nisa u l-irġiel).

## GĦAL MIN TĦEJJA DAN IL-PAKKETT

**Dan il-pakkett ta' riżorsi għat-taħriġ tfassal għal dawk l-aġenziji u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu ma':**

- Nisa li qed ifittxu li jidħlu fid-dinja tax-xogħol, iżommu l-impjieg tagħhom, javvanzaw fil-karriera jew li jridu jidħlu lura għax-xogħol
- Nisa li ġejjin minn komunitajiet żvantaġġjati
- Ġenituri waħedhom
- Ommijiet żgħażagħ
- Gruppi femminili
- Ħaddiema nisa

**It-taqsima dwar it-tisħiħ soċjali tfasslet għal:**

- Organizzazzjonijiet tan-negozju
- *Unions*
- Partiti politiċi
- Amministrazzjonijiet pubbliċi
- Organizzazzjonijiet soċjali
- Gruppi femminili
- Organizzazzjonijiet komunitarji
- Negozji

## MIN GĦANDU JUŻA DAN IL-PAKKETT TA' RIŻORSI GĦAT-TAĦRIĠ?

Professjonisti (eż. fit-taħriġ) li għandhom għarfien sod ta' kwistjonijiet marbuta ma' l-ugwaljanza u li kapaċi jifhmu kwistjonijiet relatati ma' l-inugwaljanza f'kull livell tas-soċjetà.

## WERREJ

Dan il-pakkett flessibbli ta' riżorsi għat-taħriġ jagħtik l-għodda sabiex kull fażi fil-proċess ta' tisħiħ tiżviluppa jew bħala xi ħaġa sħiħa jew inkella f'fażijiet skond il-ħtiġijiet tal-grupp jew ta' l-individwu li għalih tħejja dan il-pakkett.

Ngħidu aħna, it-Tielet Fażi tista' tintuża sabiex titkejjel il-pożizzjoni tal-persuna fi ħdan organizzazzjoni partikulari u wara jintużaw l-Ewwel Fażi u t-Tieni Fażi bħala għodda sabiex jingħelbu l-limitazzjonijiet identifikati.

L-awturi jħeġġu bil-qawwa kollha l-organizzazzjonijiet sabiex iħarsu lejn dan il-pakkett ta' riżorsi bħala għodda ta' għajnuna kemm għalihom kif ukoll għall-ħaddiema tagħhom. Aktar ma dan il-pakkett ta' riżorsi jintuża b'mod ġdid, aktar ikompli jissaħħaħ.

# WERREJ

Nru. tal-paġna


## DAĦLA 3 - 4

## L-EWWEL FAŻI. TISĦIĦ INDIVIDWALI 9

L-Ewwel Parti: Profil personali 10

It-Tieni Parti: Attivitajiet ta' taħriġ għat-tisħiħ individwali 10

It-Tielet Parti: Evalwazzjoni 10

### L-Ewwel Parti: PROFIL PERSONALI

A.1. Attività individwali: Għoti ta' dettalji personali 11

A.2. Attività individwali: Kemm naf lili nnifsi/Kif inħares lejja nnifsi 11

A.3. Attività individwali: Il-konvinzjoni fija nnifsi/Il-motivazzjoni fija nnifsi/Insolvi l-konflitti waħdi 12

A.4. Attività għat-tutur: Ħiliet soċjali u komunikattivi 13 - 14

### It-Tieni Parti: ATTIVITAJIET TA' TAĦRIĠ GĦAT-TISĦIĦ INDIVIDWALI

A.5. Attività fi grupp: Jiena mara f'saħħitha 15

A.6. Attività fi grupp: Kif jarawni n-nies? 15

A.7. Attività individwali u fi grupp: Ir-rwol favorit tiegħi 16

A.8. Attività individwali u fi grupp: X'naħseb dwari nnifsi 16

A.9. Attività individwali u fi grupp: L-iskala tas-sodisfazzjon 17

A.10. Attività individwali u fi grupp: Ngħinu lil xulxin 18

A.11. Attività fi grupp: Kaxxa msaħħra 18

A.12. Attività individwali u fi grupp: Il-ħajja perfetta tiegħek 19

### It-Tielet Parti: EVALWAZZJONI

A.13. Attività individwali: Kwestjonarju ta' tmiem il-kors 20 - 21

# IT-TIENI FAŻI. TISĦIĦ KOLLETTIV 23

L-Ewwel Parti: Profil tal-grupp 24

It-Tieni Parti: Organizzazzjonijiet femminili 24

It-Tielet Parti: Evalwazzjoni 24

## L-Ewwel Parti: PROFIL TAL-GRUPP

B.1. Attività fi grupp: Preżentazzjoni 25

B.2. Attività fi grupp: "It-teżor uman" 25

B.3. Attività fi grupp: Iceberg 26

B.4. Attività fi grupp: Preġudizzju sesswali 27

B.5. Attività fi grupp: Insolvu l-konflitti 28

## It-Tieni Parti: TISĦIĦ KOLLETTIV: ORGANIZZAZZJONIJIET FEMMINILI

B.6. Attività individwali u fi grupp: Il-karattru tiegħi 29 - 30

B.7. Attività fi grupp: X'jista' jsir? 31

B.8. Attività fi grupp: Is-sehem tan-nisa 32

B.9. Attività fi grupp: Niltaqgħu ma' nisa oħrajn 33

B.10. Attività fi grupp: Konklużjonijiet 34

B.11. Attività fi grupp: Simulazzjoni 35

## It-Tielet Parti: EVALWAZZJONI

B.12. Attività individwali u fi grupp bl-isem ta': Bagalja u landa ta' l-iskart 36

IT-TIELET FAŻI. TISĦIĦ SOĊJALI 37

L-Ewwel Parti: Profil tal-grupp ta' ħidma 38

It-Tieni Parti: Inħeġġu t-tisħiħ soċjali 38

It-Tielet Parti: Evalwazzjoni 38

Kif qed jitwassal il-programm 38

L-Ewwel Parti: PROFIL TAL-GRUPP TA' ĦIDMA

Ċ.1. Attività fi grupp: Preżentazzjoni 39 - 40

It-Tieni Parti: INĦEĠĠU T-TISĦIĦ SOĊJALI

Ċ.2. Attività fi grupp: Workshops dwar l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni 41

Ċ.3. Attività fi grupp: Sessjoni dwar it-taħriġ, il-promozzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet 42

Ċ.4. Attività fi grupp: Sessjoni dwar kif persuna tista' tlaħħaq max-xogħol, mal-familja u mal-ħajja personali tagħha 43 - 44

Ċ.5. Attività fi grupp: Sessjoni dwar proposti u ħidmiet 45

It-Tielet Parti: EVALWAZZJONI

Ċ.6. Attività: Evalwazzjoni kontinwa u finali 46

# APPENDIĊI 1


## KARTI BL-ATTIVITAJIET 47

A.1. Formola bil-profil personali 48 - 53

A.2. Karta bl-attività - Kemm naf lili nnifsi/Kif inħares lejja nnifsi 54

A.3. Karta bl-attività - Il-konvinzjoni fija nnifsi/Il-motivazzjoni fija nnifsi/Insolvi l-konflitti waħdi 55

A.7. Karta bl-attività - Ir-rwol favorit tiegħi 56

A.8. Karta bl-attività - X'naħseb dwari nnifsi 57 - 58

A.9. Karta bl-attività - L-iskala tas-sodisfazzjon 59 - 60

B.2. Karta bl-attività - It-teżor uman 61

Ċ.5. Karta bl-attività - F'liema sitwazzjoni tinsab l-organizzazzjoni 62


# APPENDIĊI 2


Argumenti kontra l-preġudizzju sesswali 63 - 65


# APPENDIĊI 3


L-ewwel kwestjonarju - għal min għandu kariga eżekuttiva jew qiegħed fil-middle management 68 - 71

It-tieni kwestjonarju - għall-parteċipanti u/jew għall-ħaddiema 72 - 74


# APPENDIĊI 4


Reċta: Dinja bil-maqlub 77 - 79


# APPENDIĊI 5


Karta bl-evalwazzjoni 81 - 82

empower | Nipprovdu taħriġ b'riżq l-ugwaljanza

# L-EWWEL FAŻI

# TISĦIĦ INDIVIDWALI

# TISĦIĦ INDIVIDWALI - ĦARSA ĠENERALI

## L-Ewwel Parti: PROFIL PERSONALI

Il-persuna interessata li tieħu sehem f'dan it-taħriġ tkun mistiedna tattendi għal sessjoni individwali mat-tutur tal-kors biex b'hekk ikun deċiż jekk hijiex tajba għall-programm jew le. Dawn ikollhom l-opportunità li jiddiskutu bejniethom kwalunkwe beżgħat, fosthom min se jieħu ħsieb it-tfal u t-trasport.  Wara dan issir sessjoni qasira fil-grupp u li matulha t-tutur jgħin lill-applikanti jidentifikaw il-ħiliet li għandhom u jixtarru kull aspett minn dawn li ġejjin:

A.1. Intervista semistrutturata
A.2. Kemm naf lili nnifsi/Kif inħares lejja nnifsi
A.3. Il-konvinzjoni fija nnifsi/Il-motivazzjoni fija nnifsi/Insolvi l-konflitti waħdi
A.4. Ħiliet soċjali u komunikattivi

Fi tmiem is-sessjoni jkun offrut post lil dawk l-applikanti li għalihom il-kors jitqies xieraq. Kemm-il darba l-kors ma jidhirx li jgħodd għal xi ħadd mill-applikanti, it-tutur, fejn jista', jipprova jsib alternattiva xierqa.

**Ħin meħtieġ: siegħa**

## It-Tieni Parti: ATTIVITAJIET TA' TAĦRIĠ GĦAT-TISĦIĦ INDIVIDWALI

**Dan hu programm qasir ta' taħriġ, immexxi minn tutur u li jista' jingħata lil gruppi sa 10 nisa.**
**Dan jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:**

A.5. Jiena mara f'saħħitha għax ...
A.6. Kif jarawni n-nies?
A.7. Ir-rwol favorit tiegħi
A.8. X'naħseb dwari nnifsi
A.9. L-iskala tas-sodisfazzjon
A.10. Ngħinu lil xulxin
A.11. Kaxxa msaħħra
A.12. Il-ħajja perfetta tiegħek

**Ħin meħtieġ: 9 sigħat u nofs**

## It-Tielet Parti: EVALWAZZJONI

Fi tmiem it-taħriġ il-parteċipanti jingħataw kwestjonarju ta' evalwazzjoni.
Ir-reazzjonijiet u l-kummenti li nirċievu jintużaw biex jgħinuna ntejbu l-programm u niżviluppawh aktar.

A.13. Evalwazzjoni ta' tmiem il-kors

**Ħin meħtieġ: kwarta**

# L-Ewwel Parti: PROFIL PERSONALI

## A.1. ATTIVITÀ INDIVIDWALI: Għoti ta' dettalji personali

**Għan:** Biex naraw jekk il-kors huwiex tajjeb għalihom

**Metodoloġija:** Analiżi ta' każ partikulari

**Proċedura:**

- Din hi sessjoni individwali li ssir mat-tutur u li matulha l-kandidati jagħtu d-dettalji personali tagħhom kif ukoll tagħrif dwar il-livell akkademiku tagħhom, il-ħiliet u l-kwalifiki, ix-xogħol li kellhom/għandhom, l-avvanzi fil-karriera u l-bqija.
  (Ara l-eżempju mogħi fil-Karta bl-attività A.1).
- Din is-sessjoni għandha ddum madwar 20 minuta.

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 20 minuta**

## A.2. ATTIVITÀ INDIVIDWALI: Kemm naf lili nnifsi/Kif inħares lejja nnifsi

**Għan:** Biex naraw jekk il-kandidati jħarsux lejhom infushom b'mod pożittiv jew negattiv

**Metodoloġija:** Il-kandidati jintalbu jagħżlu 10 karatteristiċi li jħossuhom jistgħu jidentifikaw ruħhom magħhom. Wara jintalbu jaħsbu jekk dawn iqisuhomx karatteristiċi pożittivi jew negattivi.

**Proċedura:**

- Agħti lill-parteċipanti karta bl-attività (Karta bl-attività A.2.)
- Itlobhom jaqtgħu linja taħt dawk l-10 karatteristiċi li jħossuhom jistgħu jidentifikaw ruħhom magħhom
- Issa itlobhom iżidu s-sinjal (+) jekk iqisuhom pożittivi u s-sinjal (-) jekk iqisuhom negattivi.
- Fl-aħħar itlobhom jgħoddu l-għadd ta' sinjali pożittivi u dak ta' sinjali negattivi u jniżżlu t-total ta' kull wieħed minnhom fil-kaxxa bit-total

## Evalwazzjoni ta' l-attività:

Punteġġ pożittiv għoli jaf juri li l-parteċipanti jħarsu lejhom infushom b'mod pożittiv. Punteġġ negattiv għoli jaf juri li l-parteċipanti jħarsu lejhom infushom b'mod negattiv. It-tutur irid jistħarreġ ir-riżultati mal-kandidati.

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 20 minuta**

# A.3. ATTIVITÀ INDIVIDWALI: Il-konvinzjoni fija nnifsi/Il-motivazzjoni fija nnifsi/Insolvi l-konflitti waħdi

**Għan:** Biex nevalwaw il-ħila tal-kandidati li jiddeċiedu waħedhom u b'kunfidenza

**Metodoloġija:** Parteċipattiva. Il-kandidati jintalbu jaħsbu dwar 'Fejn irrid inkun ħames snin oħra?'

**Proċedura:**

- Agħti lill-parteċipanti kollha l-karta bl-attività (Karta bl-attività A.3)
- Itlob lill-parteċipanti jħejju lista ta' l-għanijiet li jixtiequ jilħqu matul il-ħames snin li ġejjin fejn jidħlu l-familja, il-ħajja personali u dik tax-xogħol
- Wara itlob lill-parteċipanti jidentifikaw il-passi ż-żgħar ta' matul it-triq - il-ġrajjiet ewlenin - li jgħinuhom jilħqu l-għan tagħhom saż-żmien imnizzel
- Fl-aħħar nett itlobhom jidentifikaw min jista' jgħinhom ikollhom aċċess: għar-riżorsi li għandhom bżonn sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-għanijiet tagħhom

## Evalwazzjoni ta' l-attività:

Kwalitattiva. L-istudji jissuġġerixxu li jekk persuna għandha l-ħila tiddeċiedi skond il-ħtiġijiet tagħha aktar milli skond il-bżonnijiet ta' l-oħrajn, hija xhieda ta' kemm hi indipendenti u kemm għandha fiduċja fiha nnifisha.   It-tutur għandu jixtarr kemm il-kandidati rnexxielhom jiksbu dan.

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: kwarta**

# A.4. ATTIVITÀ MIT-TUTUR: Ħiliet soċjali u komunikattivi

**Proċedura:**

- Din il-lista tgħin lit-tutur jevalwa l-ħiliet komunikattivi u soċjali
- It-tutur għandu jinqeda bil-lista li ġejja sabiex josserva l-attitudni tal-kandidati tul is-sessjoni sħiħa
- Bis-saħħa tar-riżultati miksuba waqt l-osservazzjoni, it-tutur ikun jista' jiddeċiedi jekk il-kandidati humiex tajbin għall-programm

| Kuntatt mhux verbali | | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| **Kuntatt bl-għajnejn** | Il-persuna tagħmel kuntatt b'għajnejha malli tibda titħaddet | | |
| | Il-persuna tibqa' tagħmel kuntatt b'għajnejha hi u tisma' lill-oħrajn | | |
| | Il-persuna tagħmel kuntatt b'għajnejha meta twieġeb il-mistoqsijiet | | |
| | Il-persuna tħares band'oħra hi u titkellem ma' l-oħrajn | | |
| | Il-persuna tiskanta lejn in-nies waqt it-taħdita | | |
| | Il-persuna ma jirnexxilhiex tagħmel kuntatt b'għajnejha hi u tisma' lill-oħrajn | | |
| | | | |
| **Espressjoni tal-wiċċ** | Il-persuna tidher rilassata, titbissem, tagħmel iva b'rasha | | |
| | Il-persuna żżomm rasha wieqfa hi u tħares lejn l-oħrajn | | |
| | Il-persuna tkemmex moħħha biex turi li ma taqbilx | | |
| | Il-persuna żżomm rasha 'l isfel tant li taħbi wiċċha | | |
| | | | |
| **Movimenti tal-ġisem** | Il-persuna tuża *open body language* | | |
| | Il-persuna għandha qagħda kunfidenti (saqajha ċatti ma' l-art) | | |
| | Il-persuna ċċaqlaq idejha imma b'mod ikkontrollat<br>(eż. Tilgħab b'xagħarha, tgiddem difrejha) | | |
| | Il-persuna żżomm dirgħajha u riġlejha msallbin | | |
| | Il-persuna żżomm idejha magħluqa ponn | | |
| | Il-persuna tgħatti ħalqha b'idha hi u titkellem | | |

| Kuntatt bil-kliem | | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| Ċarezza fid-diskors | Il-persuna tinftiehem faċilment | | |
| | Il-persuna tuża l-lingwa b'mod ċar u sempliċi | | |
| | Il-persuna għandha l-ħila twieġeb u tispjega l-mistoqsijiet b'mod ċar | | |
| | Il-persuna tuża kliem li ma jinftehimx u lingwa kkumplikata | | |
| | Il-persuna tuża lingwaġġ mhux xieraq, eż. Tidgħi | | |
| | Il-persuna m'hix kapaċi twieġeb il-mistoqsijiet b'mod ċar | | |
| | | | |
| Assertività | Il-persuna għandha qagħda kunfidenti imma mhux aggressiva | | |
| | Il-persuna tiskanta lejn in-nies | | |
| | Il-persuna titkellem b'leħen għoli jew jgħajjat | | |
| | Il-persuna tipponta sebagħha jew il-bajrow | | |
| | Il-persuna għandha qagħda magħluqa (jiġifieri żżomm dirgħajha u riġlejha msallbin) | | |
| | Il-persuna tħares lejn l-art jew tevita li tħares lejn il-kelliema | | |
| | Il-persuna tagħmel ftit li xejn kuntatt b'għajnejha | | |
| | Diffiċli tisma' x'qed tgħid il-persuna | | |

Fi tmiem dan l-istadju tal-profil personali, it-tutur għandu jrodd ħajr lill-kandidati għas-sehem tagħhom u joffri post fil-kors lill-kandidati x-xierqa. Dawk il-kandidati li ma jirnexxilhomx jidħlu, ikunu rriferuti ħalli jingħataw għajnuna xierqa.

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 5 minuti**

# It-Tieni Parti: ATTIVITAJIET TA' TAĦRIĠ GĦAT-TISĦIĦ INDIVIDWALI

## A.5. ATTIVITÀ FI GRUPP: Jiena mara f'saħħitha

**Għan:** Biex ngħinu lill-parteċipanti jitħalltu b'mod divertenti u immaġinattiv

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Agħti lill-parteċipanti kollha stiker kbira u vojta li fuqha jridu jiktbu:

  JIENA MARA F'SAĦĦTI GĦAX ...

  (Eż.: Naf nieħu ċajta jew Ma niddejjaqx noqgħod waħdi)

- Wara, itlob lil kull persuna tintroduċi lilha nnifisha mal-bqija tal-grupp billi tgħid (xi ħaġa hekk)

  "Insellmilkom, jisimni …. u jiena mara f'saħħti għax ...

  (taqra x'għandha miktub fuq l-istiker li għandha)

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 10 minuti**

## A.6. ATTIVITÀ FI GRUPP - Kif jarawni n-nies?

**Għan:** Biex nixtarru d-differenza li hemm bejn kif inħarsu lejna nfusna u kif jarana ħaddieħor

**Proċedura:**

- Itlob lill-parteċipanti jiffurmaw żewġ ċrieki, wieħed fl-ieħor, b'tali mod li jiġu wiċċ ma' wiċċ
- Imbagħad iċ-ċirku ta' ġewwa jibda miexi lejn il-lemin u ċ-ċirku ta' barra lejn ix-xellug imma jridu jieqfu kull meta jiltaqgħu ma' persuna
- Huma u jagħmlu dan, iridu jsemmu aspett fiżiku li jogħġobhom fis-sieħeb/sieħba tagħhom, u l-persuna ta' quddiemhom trid tniżżlu fuq biċċa karta b'isimhom fuqha
- Fl-aħħar il-parteċipanti kollha jaqraw dak li kitbu lill-bqija tal-grupp u jenfasizzaw dawk il-punti li l-aktar li jħossuhom jistgħu jidentifikaw ruħhom magħhom

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 20 minuta**

# A.7. ATTIVITÀ INDIVIDWALI U FI GRUPP: Ir-rwol favorit tiegħi

**Għan:**

- Biex il-parteċipanti kollha jitħallew jagħrfu x'inhu r-rwol tagħhom bħala mara/raġel
- Biex il-parteċipanti jagħrfu kemm iħossuhom sodisfatti, jew mhux sodisfatti, bil-mod kif iddefinixxew ir-rwol tagħhom

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Agħti lill-parteċipanti kollha karta bl-attività (Karta bl-attività A.7)
- Itlobhom jaqraw it-taqsimiet kollha, u filwaqt li jinqdew bil-kodiċi li ġej, jimmarkaw kull taqsima skond l-istqarrija li jħossu li tiddeskrivi bl-aħjar mod l-attitudni tagħhom:
    - 0: rari jew qatt
    - 1: kultant
    - 2: spiss
- Malli jlestu, itlobhom jgħoddu kull kolonna
- Il-kolonna bl-ogħla punteġġ turi bl-aħjar mod ir-rwol tagħhom
- Wara ssir diskussjoni dwar kif qegħdin iħossuhom il-parteċipanti kollha rigward il-mod li bih identifikaw ir-rwol tagħhom

# A.8. ATTIVITÀ INDIVIDWALI U FI GRUPP: X'naħseb dwari nnifsi

**Għan:**

- Biex nixtarru x'saħħa għandu dak li naħsbu dwarna nfusna
- Biex nidentifikaw kif il-mod limitat li bih inħarsu lejna nfusna jiddetermina l-attitudni tagħna
- Biex inbiddlu l-mod limitat li bih inħarsu lejna nfusna

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Għid lill-parteċipanti jiffurmaw grupp u itlobhom iwieġbu l-mistoqsijiet imħejjija fil-karta bl-attività (Karta bl-attività A.8)
- Wara itlob lill-parteċipanti sabiex, skond min imissu, ifissru għala wieġbu kif wieġbu

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa u 40 minuta**

# A.9. ATTIVITÀ INDIVIDWALI U FI GRUPP: L-iskala tas-sodisfazzjon

**Għan:**

- Biex naraw kemm il-persuna tħossha sodisfatta f'oqsma varji tal-ħajja
- Biex nidentifikaw dawk l-oqsma fejn irridu nibdew inwettqu l-bidliet meħtieġa

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

## L-Ewwel Stadju

- Agħti lill-parteċipanti kollha kopja tar-rota (Karta bl-attività A.9)
- Itlob lill-parteċipanti sabiex fuq skala ta' bejn 1 u 10 jimmarkaw kemm iħossuhom sodisfatti f'kull qasam. In-numru 1 jinsab fiċ-ċentru tar-rota u n-numru 10 max-xifer tar-rota (in-numru 1 jindika PUNTEĠĠ BAXX - BĦAL META TGĦID "M'INIEX KUNTENT/A" u n-numru 10 jindika PUNTEĠĠ GĦOLI - BĦAL META TGĦID "INĦOSSNI KUNTENT/A ĦAFNA").
- Wara itlobhom jaqtgħu linja f'kull taqsima biex juru l-punteġġ li ġabu
- Fissrilhom li din issa tirrappreżenta r-rota ta' ħajjithom u itlobhom jaħsbu dwar kemm kien ikollha skossi t-triq kieku kellhom jużaw ir-rota?

## It-Tieni Stadju

- Wara li jkunu mlew ir-rota ta' ħajjithom, itlobhom iwieġbu l-mistoqsijiet kif imniżżla fil-karta bl-attività.
- Kompli billi tiddiskuti t-tweġibiet fil-grupp

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa u 40 minuta**

## A.10. ATTIVITÀ INDIVIDWALI U FI GRUPP: Ngħinu lil xulxin

**Għan:** Biex il-parteċipanti jitgħallmu jsolvu l-problemi

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Itlob lill-parteċipanti kollha biex fil-qosor jiktbu u jispjegaw problema li għandhom (tista' tkun fil-passat jew fil-preżent). Il-parteċipanti jridu jfissru x'effetti aktar kellha din il-problema u kif ġegħlithom iħossuhom dwarhom infushom.
- Wara iġbor il-bċejjeċ kollha tal-karti u poġġihom fuq xulxin
- Imbagħad kull persuna trid tieħu karta li ma tkunx tagħha. Imiss issa li l-parteċipanti, wara xulxin, ifissru l-problema lill-grupp billi juru:
    - X'ġara u kif seħħet
    - X'effett ħalliet fuqhom u kif ġegħlithom iħossuhom
    - X'jistgħu jkunu s-soluzzjonijiet għall-problema
    - Kif ħassuhom fl-aħħar mill-aħħar
- Il-parteċipanti kollha jisimgħu t-tweġibiet ta' l-oħrajn u jitgħallmu mill-ħsibijiet, l-esperjenzi u l-ideat tagħhom dwar kif jistgħu jsolvu l-problema tagħhom

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa u 40 minuta**

## A.11. ATTIVITÀ FI GRUPP: Kaxxa msaħħra

**Għan:**

- Biex kull persuna tagħraf x'importanza tagħti lilha nnifisha meta mqabbla ma' l-importanza li jagħtu dawk ta' madwarha lilhom infushom
- Biex inħeġġu l-persuna tagħraf lilha nnifisha

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Staqsi lill-grupp il-mistoqsija li ġejja:

  "Min kienet, jew min hi, l-aktar persuna importanti f'ħajtek?"

- Itlob lill-parteċipanti jiktbu t-tweġiba fuq kartuna u wara jitwuha ħalli t-tweġiba ma tkunx tista' tidher
- Imbagħad oħroġ mill-kamra flimkien ma' kull parteċipant bl-iskuża li trid tfittex it-tweġiba f'kaxxa msaħħra li hemm f'kamra oħra u li fiha hemm l-istess tweġiba bħal dik imniżżla fuq il-kartuna
- Agħmel l-istess mal-parteċipanti kollha, imma ħadd ma jista' jikxef ma' l-oħrajn x'ġara barra mill-kamra sakemm tintemm l-attività.  (It-tutur jieħu lill-parteċipanti quddiem mera u jitlobhom iħarsu lejhom infushom)

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 50 minuta**

# A.12. ATTIVITÀ INDIVIDWALI U FI GRUPP: Il-ħajja perfetta tiegħek

**Għan:**

- Biex inħeġġu lil kull mara twarrab il-limitazzjonijiet li għandha bħalissa u tagħraf tkun ambizzjuża f'ħajjitha fil waqt li toħroġ b'ideat biex tkun tista' tfassal il-ħajja perfetta tagħha

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Itlob lill-parteċipanti fil-grupp sabiex iwieġbu għalihom infushom il-mistoqsija li ġejja:
  **"Immaġina li jseħħ miraklu, u li ħajtek tibda tiżvolġi eżattament kif tixtieqha int. Fil-fatt, irnexxielek toħloq "Il-ħajja perfetta tiegħek". Kif inhi l-ħajja perfetta tiegħek? X'qiegħed jiġri differenti, aktar jew anqas, malli seħħ il-miraklu? Kemm għandek flus? Min jagħmel parti minn ħajtek? Min ma jagħmilx parti minn ħajtek? Fejn qiegħed/qiegħda tgħix? X'hemm madwarek kull ġurnata? X'qiegħed/qiegħda tagħmel bil-ħin tiegħek? X'inhu s-sehem tiegħek fil-ħajja u fil-komunità tiegħek? X'qiegħed jagħtik gost? X'qiegħed/qiegħda titgħallem? X'qiegħed/qiegħda tagħti u x'mintix qiegħed/qiegħda tagħti?"**
- Malli jlestu minn dan, qassam il-parteċipanti fi gruppi iżgħar sabiex jaqsmu bejniethom l-ideat tagħhom, id-dif fikultajiet li jafu jiltaqgħu magħhom, il-pjanijiet li ħejjew biex jilħqu dawn l-għanijiet u wkoll ħalli jagħmlu l-qalb lil xulxin (itlobhom iniżżlu t-tweġibiet tagħhom fuq flipchart)
- Malli jlestu, itlobhom jiġu lura ħalli jagħmlu preżentazzjoni fuq il-flipchart u jiddiskutu bejniethom

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa u nofs**

# It-Tielet Parti: EVALWAZZJONI

## A.13 ATTIVITÀ INDIVIDWALI: Kwestjonarju ta' tmiem il-kors

Din il-formola ta' evalwazzjoni hi għal kollox kunfidenzjali u se tintuża biss sabiex tgħinna ntejbu l-programm

**Fuq skala ta' bejn 1 u 5, kemm kien ta' għajnuna għalik dan il-programm?**

Jekk jogħġbok, agħmel ċirku madwar it-tweġiba tiegħek: (1 = ta' ebda għajnuna; 5 = eċċellenti)

1 2 3 4 5

**1. Il-programm kien dak li stennejt?** Le ☐ Iva ☐ Iżjed ☐

Jekk tixtieq iżżid xi kummenti, niżżilhom hawn:

**2. Kif se jgħinek dan il-programm fil-futur?**

**3. Liema huma t-tliet affarijiet ewlenin li tgħallimt minn dan il-programm?**

**4. Kif se tapplika dak li tgħallimt f'ħajtek?**

**5. X'ħadt aktar minn dan il-programm?**
**Ngħidu aħna:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għaraft ideat ġodda | ☐ | Ksibt tagħrif siewi | ☐ |
| Kelli opportunità nitkellem ma' nisa oħrajn | ☐ | Imtlejt bit-tama | ☐ |
| Ħejjejt pjan ta' azzjoni għall-futur | ☐ | Wettaqt bidla fir-relazzjonijiet | ☐ |
| Bdejt relazzjonijiet ġodda | ☐ | Imtlejt b'kuntentizza profonda | ☐ |
| Sibt mod ġdid kif inħares lejn il-problemi antiki | ☐ | Tgħallimt kif nibni l-fiduċja | ☐ |
| Hemm xi ħaġa oħra li tixtieq iżżid? | | | |

**6. Kif tiddeskrivih dan il-programm lill-akbar ħabib/a tiegħek?**

**7. Immarka dawn li ġejjin skond skala ta' bejn 1 u 5**
Fuq skala ta' bejn 1 u 5, kemm kien ta' għajnuna għalik dan il-programm?
(1 = ta' ebda għajnuna; 5 = eċċellenti)

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | |
|---|---|---|---|---|---|
| ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | Tutur |
| ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | Metodoloġija |
| ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | Kontenut |
| ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | Klassi |
| ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | ☐ | Materjal għat-taħriġ |

**8. Tixtieq iżżid xi kummenti oħrajn?**

**Nistgħu nikkwotaw il-kummenti tiegħek?** (Billi nużaw l-inizjali tiegħek biss, jiġifieri ma nagħtux ismek sħiħ)

Iva ☐ Le ☐

GRAZZI ĦAFNA!

empower | Nipprovdu taħriġ b'riżq l-ugwaljanza

# IT-TIENI FAŻI
# **TISĦIĦ KOLLETTIV**

# TISĦIĦ KOLLETTIV - ĦARSA ĠENERALI

## L-Ewwel Parti: PROFIL TAL-GRUPP

L-istadju tal-profil tal-grupp tfassal sabiex isir ma' gruppi ta' mhux aktar minn 10 nisa. Dan jinqeda b'sensiela ta' attivitajiet li jħarsu lejn stereotipi u diskriminazzjoni sesswali filwaqt li jħeġġeġ metodi b'riżq it-tisħiħ kollettiv.

**Attivitajiet introduttorji:**
B.1. Preżentazzjoni
B.2. It-teżor uman

**Attivitajiet fi grupp: Stereotipi**
B.3. Iceberg

**Attivitajiet fi grupp: Preġudizzju dwar in-nisa**
B.4. Preġudizzju
B.5. Insolvu l-konflitti

**Ħin meħtieġ: 4 sigħat u 50 minuta**

## It-Tieni Parti: ORGANIZZAZZJONIJIET FEMMINILI

L-istadju ta' l-organizzazzjonijiet femminili tfassal sabiex jgħin lill-parteċipanti jħarsu lejn problemi komuni relatati mas-sessi filwaqt li jipprovdi soluzzjonijiet possibbli għal dawn il-problemi.
Dan għandu l-għan ukoll li jgħinhom jifhmu x-xogħol imwettaq minn gruppi ta' pressjoni filwaqt li jlaqqagħhom ma' nisa li rnexxielhom jegħlbu kwistjonijiet relatati mas-sessi.

**Attivitajiet biex jippreżentaw irwieħhom:**
B.6. Il-karattru tiegħi
B.7. X'jista' jsir?

**Analiżi ta' każ partikulari:**
B.8. Is-sehem tan-nisa
B.9. Niltaqgħu ma' nisa oħrajn
B.10. Konklużjonijiet

**Workshop:**
B.11. Simulazzjoni

**Ħin meħtieġ: 13-il siegħa u nofs**

## It-Tielet Parti: EVALWAZZJONI

Il-proċess ta' evalwazzjoni għandu jsir malli jintemm il-kors ta' taħriġ u tfassal sabiex jgħinna naraw jekk il-programm kienx ta' suċċess filwaqt li ntejbu s-sessjonijiet li għad iridu jsiru.

**Attività ta' evalwazzjoni:**
B.12. Bagalja u landa ta' l-iskart

**Ħin meħtieġ: 40 minuta**

# L-Ewwel Parti: PROFIL TAL-GRUPP

## B.1. ATTIVITÀ FI GRUPP: Preżentazzjoni

**Għan:** - Insiru nafu lil xulxin

**Metodoloġija:** Preżentazzjoni f'pari u wara lill-grupp sħiħ

**Proċedura:**

- Aqsam il-grupp f'pari. Waqt li qegħdin f'pari, kull persuna trid tintroduċi lilha nnifisha (tgħid isimha u tagħti tagħrif fil-qosor dwar ħajjitha u x-xogħol tagħha)
- Kif ilestu, kull persuna trid tintroduċi lis-sieħeb/sieħba tagħha (jgħidu l-isem u jagħtu tagħrif dwar il-ħajja u x-xogħol tiegħu/tagħha) u għandha tispiċċa billi ssemmi kwalità waħda li tħossha tiddeskrivi lis-sieħeb/sieħba

**Evalwazzjoni:** Osservazzjoni tal-grupp - livelli ta' parteċipazzjoni u pożittività

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 20 minuta**

## B.2. ATTIVITÀ FI GRUPP: "It-teżor uman"

**Għan:**

- Biex tinħoloq atmosfera ta' fiduċja fost il-grupp ħalli kull persuna tħossha komda titkellem
- Biex nibdew inħarsu lejn l-idea ta' l-istereotipi
- Biex inħeġġu l-użu ta' komunikazzjoni verbali u mhux verbali

**Metodoloġija:** Fi grupp, attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Agħti lill-parteċipanti kollha karta bl-attività (Karta bl-attività B.2) u itlobhom biex, sa fejn jistgħu, isibu persuna jew persuni fil-kamra li jaqblu ma' kull waħda mill-karatteristiċi mniżżla (il-parteċipanti jistgħu jduru mal-kamra biex jagħmlu dan)
- Malli jlestu, il-grupp jirrapporta dwar il-karatteristiċi li ma nstabux jew dwar dawk li kienu l-aktar diffiċli biex jinstabu. Il-parteċipanti għandhom jintalbu wkoll jikkunsidraw kemm, jew kif, dawn id-diffikultajiet jintrabtu ma' kwistjonijiet relatati mas-sessi jew ma' opportunitajiet indaqs.

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: L-ewwel parti 20 minuta u t-tieni parti 40 minuta.**

**B'kollox 60 minuta**

# B.3. ATTIVITÀ FI GRUPP: Iceberg

**Għan:**

- Biex nidentifikaw l-istereotipi li jeżistu u minn liema kultura nibtu
- Bis-saħħa tax-xebh ma' l-iceberg, nistgħu nifhmu kif l-istereotipi huma biss il-quċċata ta' dak li jidher, u huwa dak li hemm moħbi taħt "wiċċ l-ilma" li għandu sehem akbar biex dawn l-istereotipi jkompli jitqawwew.
- Biex nixtarru x'inhuma l-konsegwenzi ta' l-istereotipi

**Metodoloġija:** Fi grupp, attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Uża flipchart u itlob lill-parteċipanti jiddiskutu l-karatteristiċi ewlenin li huma assoċjati man-nisa u ma' l-irġiel, sempliċiment minħabba s-sess tagħhom (tista' tinqeda bit-tabella li ġejja bħala gwida)
- Issa itlobhom jgħidu liema karatteristiċi huma fiżjoloġiċi jew anatomiċi u liema fosthom nakkwistawhom. (Mexxi d-diskussjoni billi tipprovdi argumenti li juru kif karatteristiċi differenti għandhom oriġini kulturali)
- Issa staqsi l-mistoqsijiet li ġejjin:
    - Hemm min igawdi mill-istereotipi? Kif?
    - Hemm min ibati minħabba l-istereotipi? Kif?
- Wara, itlob lill-parteċipanti jiktbu fuq post-its b'kuluri varji tipi differenti ta' stereotipi dwar l-irġiel u n-nisa
- Qiegħed tpinġija ta' iceberg f'nofs il-kamra
- Itlobhom iqiegħdu l-post-its differenti fuq il-parti ta' l-iceberg li hi 'l fuq minn wiċċ l-ilma filwaqt li jaqsmu ma' l-oħrajn liema fost dawn l-istereotipi jolqtuhom personalment
- Agħżel l-aktar stereotip popolari u itlob lill-grupp jiddiskuti x'seta' ġara fis-soċjetà biex dan l-istereotip qabbad daqstant l-għeruq (jiġifieri, il-grupp irid jiskopri liema huma l-fatturi taħt wiċċ l-ilma li influwenzaw lis-soċjetà sabiex toħloq dan l-istereotip). Uża numru ta' eżempji biex tkun tista' turi dan
- Attenzjoni - iġbor it-tweġibiet mogħtija sabiex turi li l-istereotipi dwar l-irġiel għandhom valur soċjali akbar minn dawk dwar in-nisa, u dan iwassal biex tinħoloq ġerarkija bejn il-ġeneri

Tista' tintuża t-tabella li ġejja bħala gwida.

| **Karatteristiċi assoċjati man-nisa** | **Karatteristiċi assoċjati ma' l-irġiel** |
|---|---|
| Dipendenza | Indipendenza |
| Tenerezza | Ħruxija |
| Passività | Inizjattiva |
| Sottomissjoni | Tendenza li jiddomina |
| Intwizzjoni | Razzjonalità |
| Dgħufija | Kuraġġ |
| Instabbilità emottiva | Stabbilità emottiva |
| Sensittività | Guffaġni |
| Impenn | Egoiżmu |
| Sbuħija | Saħħa fiżika |
| Frugħa/Volubilità[1] | Deċiżjoni/Fermezza |

Nuqqas ta' aptit sesswali

Aptit sesswali qawwi

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa**

[1] Tpaċpiċ u tlablib bla waqfien.

# B.4. ATTIVITÀ FI GRUPP: Preġudizzju

**Għan:**

- Biex nidentifikaw il-preġudizzji li jeżistu
- Biex nagħrfu kemm il-preġudizzji kontra l-irġiel u n-nisa jinfluwenzawhom fl-iżvilupp personali u professjonali tagħhom
- Biex nixtarru l-importanza li niġġieldu l-preġudizzji b'riżq it-tisħiħ tan-nisa

**Metodoloġija:** Fi grupp, attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Qassam lill-parteċipanti kartuniet li fihom hemm imniżżla partijiet minn stqarrijiet dwar in-nisa
- Kull kartuna li għandhom il-parteċipanti tinkludi nofs stqarrija u huma jridu jfittxu l-kumplament tagħha qalb il-kartuniet li għandhom sħabhom
- Malli jgħaqqdu l-kartuna, il-parteċipanti jridu jinġabru f'pari, u jiddeċiedu jekk jaqblux ma' dak li tgħid l-istqarrija jew le. Jekk ma jaqblux, iridu jippruvaw jikkonvinċu l-bqija tal-grupp għala ma jaħsbux li l-istqarrija qiegħda tgħid il-verità
- Wara l-parteċipanti jintalbu jixtarru x'inhuma l-konsegwenzi ta' din it-tip ta' opinjoni
- Għin lill-grupp jiddeċiedi dwar jekk jaqbilx jew le ma' l-istereotipi mniżżla fuq il-kartuniet billi tipprovdilu xi eżempji.

Waqt l-attività, tista' tinqeda bl-istqarrijiet li ġejjin:

- In-nisa jfallu mix-xogħol aktar mill-irġiel
- In-nisa huma aktar responsabbli u organizzati mill-irġiel
- In-nisa huma anqas f'saħħithom fiżikament
- Ċerti xogħlijiet ma jistgħux isiru min-nisa minħabba li huma wisq ibsin għalihom: xogħol fil-bini u fil-barrieri, fit-trasport u l-bqija
- Ix-xogħol part-time aħjar għan-nisa milli għall-irġiel ħalli b'hekk ikunu jistgħu jlaħħqu mal-ħajja tal-familja u max-xogħol
- Minħabba li għan-nisa l-familja tiġi qabel il-ħajja professjonali tagħhom, jispiċċaw ikollhom anqas ħin disponibbli u b'hekk ikunu anqas involuti fil-kumpanija
- In-nisa m'humiex kapaċi jmexxu u jieħdu deċiżjonijiet daqs l-irġiel
- In-nisa m'għandhomx it-taħriġ tekniku meħtieġ sabiex jokkupaw pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u lanqas m'huma interessati li jingħatalhom it-taħriġ ħalli jkomplu javvanzaw
- In-nisa huma agħar mill-irġiel kemm bħala mgħallmin fuq il-post tax-xogħol kif ukoll bħala kollegi minħabba li jaqgħu aktar għall-istress u jkunu emottivi kull meta jinħoloq konflitt

(l-Appendiċi 2 jgħinek tislet argumenti kontra l-preġudizzju)

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa**

# B.5. ATTIVITÀ FI GRUPP: Insolvu l-konflitti

**Għan:**

- Biex nidentifikaw sitwazzjonijiet li jseħħu tassew fil-ħajja u li jixhdu diskriminazzjoni sesswali kemm f'kuntesti soċjali u personali kif ukoll fuq ix-xogħol
- Biex nesploraw il-ħsus u r-reazzjonijiet li joħolqu sitwazzjonijiet bħal dawn
- Biex insibu metodi kif insolvu sitwazzjonijiet bħal dawn

**Metodoloġija:** Fi grupp, attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Staqsi lill-grupp il-mistoqsija li ġejja: Ġieli ħassejtek iddiskriminata sempliċiment għax inti mara? (itlobhom jaqsmu xi ġrajjiet ma' l-oħrajn)
- Qassam il-klassi fi gruppi ta' tlieta u itlobhom jippreparaw reċta qasira msejsa fuq dik is-sitwazzjoni li l-aktar li ħassuhom jidentifikaw ruħhom magħha.  Wara jridu jirreċtawha
- Wara li kull grupp ikun tella' r-reċta li ħejja, l-oħrajn li rawha jintalbu jiddiskutu r-reazzjonijiet tagħhom għal dak li raw
- Malli jittellgħu r-reċti kollha, itlob lill-parteċipanti kollha jfissru kif ħassuhom huma u jirreċtaw il-parti tal-karattru li għażlu
- Tħossok tibża' għax taf li jistgħu jattakkawk sesswalment. (Ngħidu aħna, fi triqtek lura d-dar waħdek bil-lejl)
- Issibha iebsa biex tapplika għal xogħlijiet li s-soltu jagħmluhom l-irġiel (bennejja, sewwieqa ta' trakk, mgħallem fuq il-lant tax-xogħol u l-bqija)
- Kumpanija li ma timpjegax nisa li għandhom it-tfal iż-żgħar jew li għad għandhom l-età li jkollhom it-tfal
- In-nisa għandhom aktar responsabbiltà mill-irġiel fejn jidħol ix-xogħol tad-dar u l-kura tat-tfal

**Ħin biex tiltesta l-attività bejn wieħed u ieħor: siegħa u nofs**

# It-Tieni Parti: ORGANIZZAZZJONIJIET FEMMINILI

## B.6. ATTIVITÀ INDIVIDWALI U FI GRUPP: Il-karattru tiegħi

**Għanijiet:**

- Biex nuru li ħafna huma ta' l-istess fehma fejn jidħlu problemi relatati mas-sessi
- Biex nagħrfu aktar l-esperjenzi differenti li jġarrbu n-nisa fl-Ewropa

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva. Tgħaqqad flimkien xogħol individwali u fi grupp

**Proċedura:** Il-parteċipanti kollha jingħataw kartuna b'karattru femminili fuqha **(ara paġna 28)**

Il-parteċipanti kollha jridu jivvintaw "l-istorja ta' ħajjithom", billi jilbsu l-karattru li ngħataw, u trid titfassal skond dan li ġej:

- Kif kienet tfulitek? Kif kienet id-dar li kont tgħix fiha? X'tip ta' logħob kont tilgħab? X'kienu jaħdmu l-ġenituri tiegħek? Kif kienu?
- Iddeskrivi ġurnata f'ħajtek: X'tagħmel filgħodu, wara nofs in-nhar u filgħaxija?
- Iddeskrivi l-istil ta' ħajja li tgħix: Fejn toqgħod? Kemm taqla' paga? X'tagħmel fil-ħin liberu tiegħek? Kif tqattagħhom il-vaganzi tiegħek?
- Xi tħobb? X'jeċitak? Xi jbeżżgħek?

Il-parteċipanti kollha jridu jgħidu "l-istorja ta' ħajjithom" lill-bqija tal-grupp u jikkummentaw dwar kif ħassuhom fil-karattru li ngħataw.

Malli jintqalu l-istejjer tal-grupp, il-parteċipanti jridu jħejju powster għalihom u fuqu trid titniżżel sentenza jew il-karatteristiċi li turi/juru l-aktar il-karattru tagħhom. Imbagħad il-parteċipanti jiffurmaw ċirku f'nofs il-kamra u jżommu l-powster tagħhom ħalli jarawh l-oħrajn. Wara, il-parteċipanti kollha jintalbu jingħaqdu ma' dik il-mara, jew ma' dawk in-nisa, li l-aktar li jħossuhom jidentifikaw ruħhom magħha/magħhom

Fl-aħħar nett, ħalli lill-parteċipanti jitkellmu dwar eżempji li seħħu tassew fil-ħajja ta' nies li jafu jew ħeġġiġhom jaqsmu l-istejjer ta' ħajjithom mal-bqija tal-grupp (dan jagħmluh biss jekk ikunu jixtiequ)

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 3 sigħat**

# Karta bil-karattri

| | | | |
|---|---|---|---|
| Inti mara mhux miżżewġa bla xogħol u Tgħix mal-familja tiegħek<br>Età: 25 | Inti omm tewmin ta' tmien snin. Żewġek pulizija u inti tieħu ħsieb id-dar u t-tfal<br>Età: 36 | Inti mara separata li kont imsawta mir-raġel li kellek<br>Età: 50 | Inti bint is-sindku tar-raħal<br>Età: 35 |
| Inti mara musulmana miżżewġa u għandek żewġ subien u tifla<br>Età: 26 | Inti omm tifel/tifla b'diżabbiltà fiżika<br>Età: 39 | Inti studenta tal-filosofija<br>Età: 20 | Inti mara mhux miżżewġa, taħdem bħala plumber u tgħix waħdek<br>Età: 30 |
| Inti mara Niġerjana mingħajr id-dokumenti meħtieġa<br>Età: 19 | Inti supervajżer f'wieħed mis-sulari ta' stabbiliment<br>Età: 45 | Inti tmur taħsel għand in-nies u dejjem ħdimt bla ktieb<br>Età: 65 | Inti l-president tal-kunsill skolastiku ta' skola sekondarja<br>Età: 47 |
| Inti prostituta li għandek l-HIV u għandek tarbija ta' sentejn<br>Età: 21 | Inti suldat mara u taħdem fit-taqsima operattiva[2]<br>Età: 35 | Inti refuġjata politika mhedda mill-mafja<br>Età: 43 | Inti l-unika oħt li għandu xi ħadd dipendenti mill-kokaina<br>Età: 37 |
| Inti waħda li dejjem tivvjaġġa/żingara u attendejt biss skola primarja<br>Età: 17 | Inti mara ddivorzjata b'żewġt ibniet u tgħix mal-ġenituri tiegħek<br>Età: 42 | Inti m'għandekx xogħol u għandek problema ta' smigħ<br>Età: 31 | Inti lesbjana u għandek tifla miżżewġa<br>Età: 55 |
| Inti l-unika persuna responsabbli ta' bintek ta' sitt snin u taħdem f'supermarkit<br>Età: 24 | Inti bint immigranti Ċiniżi li għandhom restorant li sejjer tajjeb<br>Età: 22 | Inti l-Ministru ta' l-Edukazzjoni<br>Età: 46 | Inti s-sidt ta' kumpanija tat-trasport<br>Età: 51 |
| Inti armla bi tfajla ta' 16-il sena<br>Età: 45 | Inti disinjatriċi tal-moda u għandek il-linja tiegħek (tip-produċiha u tqassamha inti fis-suq)<br>Età: 37 | Inti taħdem għal rasek bħar-raġel tiegħek. It-tnejn li intom tixtiequ tkomplu tistudjaw u għandkom tifel/tifla ta' 4 snin<br>Età: 38 | Inti m'għandekx xogħol, ir-raġel tiegħek qiegħed il-ħabs u għandkom tifel/tifla ta' 10 snin<br>Età: 35 |

2 Din it-taqsima hi responsabbli minn manuvri militari fejn is-suldat jista' jintalab għall-ġlied.

# B.7. ATTIVITÀ FI GRUPP: X'jista' jsir?

**Għanijiet:**

- Biex naraw x'soluzzjonijiet possibbli jistgħu jinstabu għas-sitwazzjonijiet ta' inugwaljanza sesswali li jġarrbu n-nisa
- Biex naraw liema huma dawk l-organizzazzjonijiet u l-istrutturi ta' awtorità li kapaċi jwettqu miżuri speċifiċi biex jindirizzaw dawn is-sitwazzjonijiet

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva, jintuża xogħol fi grupp

**Proċedura:**

- Introduċi l-attività billi tgħaddi tagħrif dwar il-qagħda tan-nisa f'oqsma soċjo-kulturali, ekonomiċi u politiċi. Wara ressaq każ prattiku ta' inugwaljanza partikulari li taffettwa lin-nisa fl-ambjent li jgħixu fih. Bħala referenza tista' tuża kwalunkwe sitwazzjoni li tidher f'Attività B.6.
- Itlob lill-parteċipanti jinqasmu f'pari u flimkien jaħdmu sabiex joħorġu b'żewġ miżuri li jistgħu jgħinu ħalli teħfief is-sitwazzjoni li għadha kif tfissret.  Wara itlob lil kull par sabiex jirrapporta lill-bqija tal-grupp u jħejji lista finali ta' miżuri
- Malli jkunu tressqu l-miżuri kollha, itlob lill-parteċipanti jidentifikaw x'mezzi jistgħu jintużaw sabiex jitwettqu dawn il-miżuri (dan ifisser li trid taħdem magħhom sabiex jidentifikaw l-organizzazzjonijiet u/jew il-persuni ewlenin li għandhom l-awtorità /il-ħila li jippjanaw il-miżuri mressqa u jkunu kapaċi jwettquhom)
- F'dan l-istadju għandek tagħti lill-grupp xi eżempji dwar kif ċerti organizzazzjonijiet qegħdin jippruvaw jegħlbu sitwazzjonijiet simili
- Fl-aħħar nett itlob lill-parteċipanti jaħsbu dwar kif jistgħu jintużaw il-miżuri mressqa u dwar il-konsegwenzi veri li jaf ikollhom

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa**

# B.8. ATTIVITÀ FI GRUPP: Is-sehem tan-nisa

**Għanijiet:**

- Biex in-nies jagħrfu l-ħidma mwettqa minn gruppi ta' pressjoni (assoċjazzjonijiet tan-nisa, pjattaformi għal azzjoni[3], nisġa ta' gruppi femministi, eċċ.) u biex naraw li fil-politika pubblika jiddaħħlu miżuri b'riżq opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa

**Metodoloġija**: Attiva u parteċipattiva, jintuża xogħol fi grupp

**Proċedura**:

Introduċi l-attività billi tgħaddi tagħrif dwar kwistjonijiet femministi ewlenin li kienu qawwija matul l-aħħar ftit snin u li kienu tressqu quddiem dawk involuti f'entitajiet pubbliċi (inkludi organizzazzjonijiet speċifiċi li taw xhieda ta' ħidma xierqa fuq liv-ell lokali, nazzjonali u Ewropew u li inti fittixt dwarhom lokalment permezz tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ta' fejn toqgħod).

Itlob lill-parteċipanti jagħżlu tliet nisa li huma jammiraw u wara stedinhom jiġu waqt xi sessjoni tal-grupp ħalli l-pateċipanti jkunu jistgħu jitgħallmu direttament mill-esperjenzi tagħhom. Jistgħu jagħżlu personalitajiet mill-qasam pubbliku (politika, trade unions, università u l-bqija) jew minn dak privat (id-dinja tan-negozju).

Malli l-grupp jiddeċiedi lil min se jistieden, l-aħħar parti tal-sessjoni titħalla sabiex jitħejjew il-mistoqsijiet li beħsiebhom jagħmlulhom.

Fil-bidu jistgħu jintużaw bħala gwida l-mistoqsijiet li ġejjin:

- Kif bdejt?
- Għaliex iddeċidejt li tagħmel dan?
- Xi kwalifiki kellek bżonn? Min uriek x'taħriġ kellek bżonn?
- X'ħiliet kellek meta bdejt taħdem u x'kien għad kellek nieqes?
- X'għajnuna sibt?
- X'kienu d-diffikultajiet ewlenin li kellek (jew li qiegħed/qiegħda) tħabbat wiċċek magħhom u kif solvejthom (jew qiegħed/qiegħda tipprova ssolvihom)?
- Kif irnexxielek issolvi l-problemi meta ma kellek għajnuna mingħand ħadd?
- X'inhuma l-bżonnijiet tiegħek bħalissa?

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa**

[3] B'"Pjattaforma għal Azzjoni" nifhmu aġenda b'riżq it-tisħiħ tan-nisa.

# B.9. ATTIVITÀ FI GRUPP: Niltaqgħu ma' nisa oħrajn

**Għanijiet:**

- Biex inressqu każijiet li seħħu tassew fil-ħajja ta' xi nisa li kapaċi jmexxu u jieħdu d-deċiżjonijiet

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

It-tliet nisa li għażlu l-parteċipanti fl-attività ta' qabel din jintalbu jattendu waħda mit-tliet sessjonijiet sabiex jaqsmu l-istorja ta' ħajjithom.

Il-parteċipanti jintalbu jintervistaw lin-nisa billi jużaw il-mistoqsijiet li ħejjew diġà u jridu jiġbru u jieħdu nota tat-tagħrif relevanti kollu.

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 3 sessjonijiet ta' siegħa u nofs il-waħda**

# B.10. ATTIVITÀ FI GRUPP: Konklużjonijiet

**Għanijiet:**

- Biex it-tagħrif li nkiseb waqt kull sessjoni li saret man-nisa mistiedna jkun aċċessibbli għal kulħadd
- Biex naraw liema huma l-aspetti komuni tajbin u dgħajfin assoċjati ma' sess partikulari

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva, xogħol fi gruppi iżgħar

**Proċedura:**

Sabiex it-tagħrif li nkiseb matul l-intervisti jkun aċċessibbli għal aktar nies, ħeġġeġ lill-parteċipanti jħejju rapport finali dwar "L-Istorja ta' ħajti" ta' kull mara mistiedna (qassam il-grupp sħiħ fi gruppi iżgħar)

Ir-rapport għandu jinkludi mill-inqas l-aspetti li ġejjin:

- Il-karriera professjonali
- It-tagħrif dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ
- Il-problemi ewlenin li ltaqgħu magħhom
- L-għajnuna mingħand l-oħrajn
- Il-bżonnijiet ta' bħalissa

Biex tispiċċa l-attività, iġbor it-tagħrif mgħoddi, filwaqt li tisħaq fuq il-bżonn li huma jisiltu liema huma dawk l-aspetti tajbin u dgħajfin assoċjati ma' sess partikulari u li kienu komuni fost it-tliet stejjer.

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa**

# B.11. ATTIVITÀ FI GRUPP: Simulazzjoni

**Għanijiet:**

- Biex infissru kif jista' jitwaqqaf grupp jew nisġa ta' gruppi femminili

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva, xogħol fi gruppi iżgħar

**Proċedura:**

Qassam il-grupp fi gruppi iżgħar ta' bejn 3 u 4 min-nies u itlobhom iħejju pjan biex tintiseġ xibka ta' gruppi femminili billi jimxu mal-passi li ġejjin:

- Jaqblu dwar l-isem ta' l-assoċjazzjoni
- Jidentifikaw il-miri u l-għanijiet tagħha
- Ifissru l-attivitajiet ewlenin li jridu jsiru
- Ifittxu dwar il-proċeduri meħtieġa sabiex titwaqqaf assoċjazzjoni

Għandhom jitħallew tliet sessjonijiet sabiex, bl-għajnuna tiegħek, jitwaqqfu dawn l-assoċjazzjonijiet mistħajla.

Għat-tieni sessjoni għandhom ikunu mistednin nisa f'bordijiet amministrattivi ta' assoċjazzjonijiet li jeżistu tassew, u b'hekk il-parteċipanti jkunu jistgħu jistaqsuhom dwar kwalunkwe kwistjoni li tkun qamet u jkunu jistgħu jidħlu fil-fond dwar il-ħidma tagħhom.

Fl-aħħar nett l-aħħar sessjoni għandha tinkludi l-preżentazzjoni ta' kull assoċjazzjoni li twaqqfet lill-bqija tal-grupp.

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 3 sessjonijiet ta' siegħa l-waħda**

# It-Tielet Parti: EVALWAZZJONI

## B.12. ATTIVITÀ INDIVIDWALI U FI GRUPP bl-isem ta': Bagalja u landa ta' l-iskart

**Għanijiet:**

- Biex nenfasizzaw it-temi importanti li tqajmu waqt l-istadju tal-profil tal-grupp
- Biex jissaħħaħ it-tagħlim
- Biex nieħdu r-reazzjonijiet tal-parteċipanti dwar it-temi li tqajmu

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva

**Proċedura:**

- Qiegħed bagalja/basket u landa ta' l-iskart f'nofs il-kamra
- Qassam fost il-parteċipanti żewġ kuluri differenti ta' post-its
- Itlob lill-parteċipanti biex fuq kulur minnhom tal-post-its jiktbu: "X'kienu l-aktar affarijiet importanti għalihom li ħarġu waqt is-sessjonijiet dwar il-profil tal-grupp?/X'se jieħdu magħhom minn din il-parti tal-programm?" (ħin 3 minuti)
- Issa itlob lill-parteċipanti sabiex fuq il-post-its bil-kulur l-ieħor jiktbu: "X'sabu diffiċli għalihom waqt is-sessjonijiet dwar il-profil tal-grupp?/Xi ppretendew li jiġri u ma seħħx?" (ħin 3 minunti)
- Issa itlob lill-parteċipanti sabiex wara xulxin jitfgħu l-post-its bl-affarijiet li se jieħdu magħhom fil-bagalja/baskett u l-oħrajn jitfgħuhom fil-landa ta' l-iskart. Huma u jagħmlu dan, itlobhom jaqsmu l-ideat tagħhom mal-grupp sħiħ

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 40 minuta**

empower Nipprovdu taħriġ b'riżq l-ugwaljanza

# IT-TIELET FAŻI

# IT-TISĦIĦ SOĊJALI

# TISĦIĦ SOĊJALI - ĦARSA ĠENERALI

Din it-taqsima tal-pakkett tipprovdi l-għajnuna meħtieġa lill-*employers* sabiex jiżdied l-għadd ta' nisa jaħdmu fil-kumpaniji tagħhom. Din toffri qafas ta' evalwazzjoni li jista' jintuża mill-kumpaniji sabiex jidentifikaw sa fejn il-proċessi ta' l-għażla u t-taħriġ li jħaddmu jistgħu jitqiesu tajbin għan-nisa u kif jistgħu jgħinu ħalli l-impjegati "jsibu bilanċ bejn id-dinja tax-xogħol u l-ħajja personali".

## L-Ewwel Parti: IL-PROFIL TAL-GRUPP TA' ĦIDMA

Kull tutur jintalab imexxi sessjoni li għandha l-għan li tibni l-profil ta' kull organizzazzjoni li qiegħda tieħu sehem. Din is-sessjoni tinkludi wkoll preżentazzjoni bit-tema li ġejja: 'In-nisa u l-awtorità'.

Ċ.1 Preżentazzjoni

**Ħin meħtieġ: 4 sigħat**

## It-Tieni Parti: INĦEĠĠU T-TISĦIĦ SOĊJALI

Din it-taqsima tinvolvi sensiela ta' workshops maħsuba sabiex iħeġġu t-tisħiħ soċjali billi jiffukaw fuq it-temi li ġejjin:

Ċ.2. L-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni
Ċ.3. It-taħriġ, il-promozzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet
Ċ.4. Ix-xogħol, il-familja u l-ħajja personali
Ċ.5. Il-proposti u l-impenji

**Ħin meħtieġ: 8 sigħat**

## It-Tielet Parti: EVALWAZZJONI

L-evalwazzjoni (Attività Ċ.6) tinqasam fi tnejn:

1. L-ewwel parti timtela fi tmiem il-kors ta' taħriġ u għandha l-għan li tidentifika kemm dan kien ta' suċċess. Ir-reazzjonijiet li nirċievu jintużaw ħalli nkunu nistgħu niżviluppaw il-programm filwaqt li ntejbuh aktar.
2. It-tieni parti hi evalwazzjoni kontinwa u għandha l-għan li jkunu identifikati kemm il-bidliet pożittivi li jagħmlu l-kumpaniji bħala riżultat tal-workshops kif ukoll l-impatt li dawn il-bidliet ħallew fuq l-organizzazzjoni tagħhom.

Kif qiegħed jitwassal il-programm

Hu maħsub li dan il-programm jieħu madwar sitt xhur sakemm jitlesta. Nirrakkomandaw li l-*workshops* isiru kull xahar biex b'hekk jingħata żmien biżżejjed ħalli t-tagħlim irabbi sew l-għeruq. Kull tutur li jwassal dan il-programm irid jara li jingħata ħin biżżejjed ħalli kull organizzazzjoni li qiegħda tieħu sehem tkun segwita u evalwata l-ħin kollu.

L-iżvilupp tat-tielet fażi jinfirex fuq sentejn

# L-Ewwel Parti: Il-profil ta' kull grupp ta' ħidma

## Ċ.1. ATTIVITÀ FI GRUPP: Preżentazzjoni

**Għanijiet:**

- Biex nidentifikaw l-individwi u l-organizzazzjonijiet li qegħdin jieħdu sehem
- Biex noħolqu s-sisien ħalli fuqhom tintiseġ xibka li tinkludi lil kull min jitqies ċentrali fit-tisħiħ soċjali tan-nisa
- Biex naraw fejn tinsab kull organizzazzjoni f'dawk l-oqsma relatati mal-parteċipazzjoni tan-nisa u ma' l-opportunitajiet li għandhom biex jilħqu pożizzjonijiet ta' awtorità u li fihom jittieħdu d-deċiżjonijiet

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva. Tikkombina xogħol individwali u fi grupp. Kull organizzazzjoni li qiegħda tieħu sehem trid timla l-kwestjonarju analitiku marbut man-nisa u l-awtorità (ara l-Appendiċi 3).

**Proċedura:**

Attività maħsuba għal rappreżentanti minn trade unions, partiti politiċi, amministrazzjoni pubblika, organizzazzjonijiet femminili u mid-dinja tan-negozju.

Is-sessjoni għandha tibda billi kull organizzazzjoni/persuna li qiegħda tieħu sehem tagħmel preżentazzjoni qasira u li matulha turi dan li ġej:

| | |
|---|---|
| Isem l-organizzazzjoni u l-pożizzjoni tiegħu/tagħha fiha: | |
| L-organizzazzjoni li qiegħed/qiegħda j/tirrappreżenta: | |
| L-esperjenza fejn jidħlu kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza: | |
| X'inhu mistenni mill-proċess ta' ħidma: | |

Wara trid tintroduċi fil-qosor is-sitwazzjoni kurrenti dwar l-aċċessibbiltà li għandhom in-nisa għal pożizzjonijiet ta' awtorità u li fihom jittieħdu d-deċiżjonijiet fl-oqsma politiċi, ekonomiċi u soċjali. Wara trid tipproponi firxa sħiħa ta' suġġetti għad-diskussjoni sabiex tara x'inhi l-pożizzjoni ta' kull organizzazzjoni fl-oqsma li ġejjin:

- L-istereotipi fejn jidħlu tmexxija u teħid ta' deċiżjonijiet
- It-tqassim ta' l-awtorità fi ħdan kull organizzazzjoni
- Ir-regolamenti u l-politika b'riżq l-ugwaljanza

Sabiex tkun tista' titħejja din l-attività, il-parteċipanti jintalbu jagħmlu preżentazzjoni bil-*power point* tar-regolamenti li għandhom b'riżq l-ugwaljanza.

Fl-aħħar nett trid tiġbor flimkien il-konklużjonijiet kollha u wara tfassal u tippreżenta dawk l-għanijiet maħsuba sabiex:

- Tiżdied ir-rappreżentanza tan-nisa
- Jitwieżen il-ħolqien ta' strutturi fi ħdan l-organizzazzjonijiet li jgħinu sabiex jitħares il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa
- Tiżdied il-preżenza tan-nisa f'dawk il-pożizzjonijiet ta' awtorità u fil-proċessi li matulhom jittieħdu d-deċiżjonijiet

Malli jkunu tfasslu l-għanijiet, għandhom jingħataw kemm tagħrif lill-organizzazzjonijiet differenti dwar kif jistgħu jintlaħqu dawn l-għanijiet, kif ukoll skeda bis-sessjonijiet li jkun imiss. Imbagħad ir-rappreżentanti minn kull organizzazzjoni li qiegħda tieħu sehem jintalbu jikkunsidraw:

1. L-impatt li jħalli l-programm fejn jidħol it-tisħiħ tan-nisa fl-organizzazzjoni tagħhom
2. Il-ħtieġa li jimtlew il-kwestjonarji mehmuża f'Appendiċi 3 ħalli jkun jista' jinġabar it-tagħrif u ssir l-evalwazzjoni neċessarja. Il-kwestjonarji huma:
    - għal dawk li għandhom kariga eżekuttiva jew fil-middle management (l-Appendiċi 3: L-ewwel kwestjonarju)
    - għall-impjegati l-oħrajn (Appendiċi 3: It-tieni kwestjonarju)

Hin meħtieġ bejn wieħed u ieħor għall-kwestjonarju: għaxart ijiem. Wara li jinġabru, il-kwestjonarji jridu jerġgħu jgħaddu lura għandek sabiex tkun tista' tanalizzahom u tagħmel evalwazzjoni ta' kull organizzazzjoni li qiegħda tieħu sehem dwar in-nisa u l-awtorità. It-tagħrif li jinkiseb permezz ta' din l-evalwazzjoni jservi mbagħad bħala l-punt tat-tluq għall-iżvilupp tal-workshops fit-tieni stadju.

**Kampjuni meħtieġa:**

- Kumpanija/organizzazzjoni li tħaddem aktar minn 100 ruħ - meħtieġa 50% tal-ħaddiema biex jimlew il-kwestjonarju
- Kumpanija li tħaddem bejn 50 u 100 ruħ - meħtieġa 60% tal-ħaddiema biex jimlew il-kwestjonarju
- Kumpanija li tħaddem anqas minn 50 ruħ - meħtieġa 100% tal-ħaddiema biex jimlew il-kwestjonarju

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 4 sigħat**

# It-Tieni Parti: Inħeġġu t-Tisħiħ Soċjali

## Ċ.2. ATTIVITÀ FI GRUPP: *Workshops* dwar l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni

**Għan:**

• Biex nixtarru l-proċessi li bihom jiddaħħlu jaħdmu u jingħażlu l-ħaddiema fl-organizzazzjonijiet li qegħdin jieħdu sehem
• Biex nidentifikaw xi eżempji ta' inugwaljanza fil-proċessi mħaddma
• Biex nissuġġerixxu miżuri li jgħinu ħalli l-irġiel u n-nisa jkollhom aċċessibbiltà ndaqs għal kull pożizzjoni

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva. Tikkombina l-ħidma fi gruppi u r-reċtar.

**Proċedura:**

Ibda s-sessjoni billi tispjega l-metodu li tħaddem kull organizzazzjoni li qiegħda tieħu sehem meta tiġi biex timpjega lill-ħaddiema. Sejjes din l-ispjegazzjoni fuq dan li ġej:

• Liema mekkaniżmi fl-organizzazzjoni jgħinu biex ikun hemm aċċessibbiltà?
• Meta jkun hemm postijiet vakanti tax-xogħol, ikunu rreklamati bl-istess mod fost l-irġiel u n-nisa?
• L-irġiel u n-nisa jgħaddu mill-istess proċess ta' l-għażla biex jidħlu jaħdmu ma' l-organizzazzjoni?

Wara, introduċi r-reċta bit-titlu "Dinja bil-maqlub" (Appendiċi 4) - itlob lil tnejn min-nies jirreċtaw il-partijiet li ġejjin:
Parti 1: il-proċess ta' l-għażla - l-intervistatriċi (mara)
Parti 2: il-kandidat intervistat (raġel)

Issa itlob lill-parteċipanti jiddiskutu r-reċta billi jqisu l-aspetti li ġejjin:

• Xi kriterji qiegħda tuża l-intervistatriċi biex tiddeċiedi jekk timpjegax lill-kandidat jew le?
• Għala ma ntgħażilx il-kandidat?
• X'eżempji ta' inugwaljanza dehru matul ir-reċta?
• X'miżuri jistgħu jieħdu l-organizzazzjonijiet tagħkom biex jagħmlu tajjeb għal dan?

Jistgħu jintużaw l-eżempji li ġejjin biex jgħinu fid-diskussjoni ta' l-aħħar mistoqsija li dehret hawn fuq:

• Ara li l-kriterji li tħaddem meta tagħżel jew tevalwa lil xi ħadd ikunu oġġettivi
• Ħu ħsieb li l-għażla ssir biss skond l-esperjenza ta' l-individwu u l-kwalifiki li għandu għal dan il-post
• Tikklassifikax ix-xogħol skond is-sessi, jiġifieri bħala "xogħol ta' l-irġiel" u "xogħol tan-nisa"
• Irreklama l-postijiet vakanti tax-xogħol b'mod li jkunu jistgħu jarawhom ukoll in-nisa
• Aħseb f'sistema li biha l-impjegati jiddaħħlu skond kwota, jiġifieri s-sess bl-anqas rappreżentanza fl-organizzazzjoni jkollu prijorità f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet u l-merti jkunu ndaqs
• Ara li jkun hemm il-preżenza ta' tim multidixxiplinarju waqt il-proċess ta' l-għażla
• Ħu ħsieb li l-persuna responsabbli li timpjega n-nies tkun oġġettiva hi u tfassal il-kriterji ta' l-għażla
• Daħħal miżuri ħalli ma jibqax ikollok il-biċċa l-kbira tan-nisa b'impjiegi temporanji
• Ikseb tagħrif dwar x'metodi jeżistu biex tkun tista' tissussidja l-impjiegi

Sabiex ittemm din is-sessjoni, agħti żewġ eżempji ta' organizzazzjonijiet jew kumpaniji li fasslu miżuri ta' azzjoni pożittiva ħalli jeliminaw kull sitwazzjoni ta' inugwaljanza u jkun hemm bilanċ bejn l-irġiel u n-nisa fejn jidħlu l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: sagħtejn**

# Ċ.3. ATTIVITÀ FI GRUPP: Sessjoni dwar it-taħriġ, il-promozzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet

**Għan:**

- Biex inħeġġu lin-nisa jkomplu jitħarrġu fuq il-post tax-xogħol
- Biex inħeġġu ħalli l-pożizzjonijiet il-ġodda fl-eżekuttiv u fil-*middle management* ikunu mqassmin indaqs bejn is-sessi

**Metodoloġija**: Attiva u parteċipattiva, xogħol fi gruppi iżgħar

**Proċedura:**

Qassam il-parteċipanti fi gruppi żgħar (mill-inqas 3 persuni f'kull grupp) u ħu ħsieb li persuna mill-grupp tinħatar "president".

Kull grupp imbagħad irid jiddiskuti dan li ġej f'mhux aktar minn 20 minuta:

- Il-preġudizzju dwar il-ħiliet eżekuttivi tan-nisa
- Ir-rabta bejn it-taħriġ u l-opportunitajiet ta' promozzjoni
- L-hekk imsejjaħ "saqaf tal-ħġieġ"[4]

L-aspetti pożittivi li taħdem ma' tim eżekuttiv li fih bilanċ bejn is-sessi.

Wara 20 minuta, itlob lil dawk kollha li hemm fil-gruppi, ħlief il-president, sabiex ibiddlu l-grupp. Il-president irid imbagħad jilqa' lill-grupp il-ġdid u jirrapporta dwar il-kontribut tal-grupp ta' qablu. Il-grupp il-ġdid irid imbagħad iqanqal ideat ġodda għad-diskussjoni.

Il-gruppi għandhom jerġgħu jinbidlu għal darb'oħra. Din id-darba l-gruppi jridu jenfasizzaw l-aktar ħames azzjonijiet jew konklużjonijiet importanti li waslu għalihom. Waqt sessjoni plenarja, il-presidenti ta' kull grupp iridu jagħtu rendikont tar-riżultati li nkisbu matul id-diskussjonijiet rispettivi kif ukoll tal-konklużjonijiet li waslu għalihom.

Sabiex tintemm din is-sessjoni, il-grupp sħiħ irid iwieġeb il-mistoqsija li ġejja:

- Kif nistgħu niggarantixxu li fl-organizzazzjonijiet tagħna jkun hemm l-oġġettività meħtieġa ħalli b'hekk in-nisa jkollhom aċċessibbiltà għal pożizzjonijiet ta' awtorità?

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' xi miżuri li jistgħu jittieħdu. Dawn għandhom jgħinu fid-diskussjoni tal-mistoqsija li dehret hawn fuq:

- Sistema ta' promozzjoni skond kwota biex b'hekk is-sess bl-anqas rappreżentanza jkollu prijorità f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet u l-merti huma ndaqs
- Reklami li fihom ma tintużax lingwa diskriminatorja
- Rappreżentanza ndaqs bejn is-sessi f'bordijiet ta' l-għażla u f'*workshops*
- Paga ndaqs għal xogħol ta' l-istess valur
- Taħriġ b'riżq il-qawmien ta' kuxjenza sesswali
- Sistema ta' taħriġ skond kwota biex b'hekk is-sess bl-anqas rappreżentanza jkollu prijorità
- Kulħadd irid ikun infurmat, anki dawk il-persuni li jinsabu bil-*leave* tal-maternità
- Irridu nkunu ċerti li meta jsiru l-laqgħat kulħadd ikun jista' jattendi, inklużi l-ħaddiema part-time

Sabiex ittemm din is-sessjoni, agħti żewġ eżempji ta' organizzazzjonijiet jew kumpaniji li fasslu miżuri ta' azzjoni pożittiva ħalli jeliminaw kull sitwazzjoni ta' inugwaljanza biex kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa jkollhom sehem indaqs fid-deċiżjonijiet li jittieħdu

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: sagħtejn**

4 Bl-Ingliż "glass ceiling". Dan it-terminu jirreferi għal realtà li, għalkemm mhux uffiċjali, ixxekkel lil dak li jkun milli javvanza fil-karriera tiegħu u jilħaq pożizzjoni amministrattiva għolja minħabba diskriminazzjoni marbuta ma' sess, età, razza, ġens u tendenzi sesswali ta' l-individwu.

## Ċ.4. ATTIVITÀ FI GRUPP: Sessjoni dwar kif persuna tista' tlaħħaq max-xogħol, mal-familja u mal-ħajja personali

**Għan:**

- Biex nirriflettu dwar il-kapaċità tal-persuna li "toħloq bilanċ bejn id-dinja tax-xogħol u l-ħajja personali" minn perspettivi differenti
- Biex nenfasizzaw metodi differenti ta' xogħol u nħeġġu miżuri li ma jxekklux lill-familja
- Biex nevalwaw il-vantaġġi għall-organizzazzjoni li kieku l-ħin u r-riżorsi jkunu amministrati aħjar
- Biex nagħrfu x'firxa ta' servizzi jeżistu fejn tidħol il-kura tat-tfal jew ta' persuni dipendenti oħrajn u kif dawn jistgħu jkunu ta' vantaġġ għall-organizzazzjoni

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva, ħidma flimkien mal-grupp sħiħ

**Proċedura:**
Permezz tal-metodu magħruf bħala "Is-Sitt Kpiepel Ħassieba" ta' Edward de Bono (ara t-tabella inkluża), wieħed għandu janalizza jekk il-politika mħaddma mill-organizzazzjonijiet ixxekkilx lill-familja jew le.
Itlob lill-parteċipanti sabiex bi qbil bejniethom jagħżlu dik l-organizzazzjoni li fil-fehma tagħhom għandha l-aktar esperjenza f'dan il-qasam. L-organizzazzjoni li tingħażel tingħata l-kappell l-abjad u tintalab tfisser b'mod ċar u oġġettiv x'miżuri fasslet biex tara li l-ħaddiema jkunu kapaċi "jsibu bilanċ bejn id-dinja tax-xogħol u l-ħajja personali". L-organizzazzjonijiet kollha li jibqa' jridu jagħżlu kappell u janalizzaw is-sitwazzjoni mill-perspettiva tal-kulur magħżul, kif jidher hawn taħt:

| Il-kuluri | Il-ħsibijiet li nixtieqi nesprimu permezz tal-kappell | Il-karatteristiċi |
|---|---|---|
| Abjad | Fatti, ċifri u tagħrif biss | Newtrali u oġġettiv. Ma jagħtix interpretazzjoni u lanqas opinjonijiet |
| Aħmar | Emozzjonijiet, ħsus, presentimenti, intwizzjonijiet, sensazzjonijiet, preferenzi. | Mod utli kif tidħol f'burdata emottiva u toħroġ minnha u kif tesplora l-ħsus ta' l-oħrajn |
| Iswed | Ġudizzji ħżiena | Mod oġġettiv kif tipprova tressaq għad-diskussjoni l-elementi negattivi kollha. Iqabbel idea ma' esperjenza mgħoddija u jħares ukoll lejn il-ġejjieni. Tista' ssaqsi mistoqsijiet negattivi. |
| Isfar | Juri x'inhu ħażin u għaliex ħaġa ma tistax taħdem | Mod oġġettiv kif tipprova tressaq għad-diskussjoni l-elementi pożittivi kollha li għandha idea u tagħti r-raġunijiet. Jitlaq minn aspett prattiku u loġiku u jgħaddi għal ħolm, viżjonijiet u tamiet. Kostruttiv u ġenerattiv u jwettaq l-affarijiet. |
| Aħdar | Pożittiv, kostruttiv. Sens ta' opportunità | It-tiftix ta' alternattivi jitqies aspett bażiku; il-ħtieġa li tmur lil hinn minn dak li hu magħruf, ovvju u sodisfaċenti. Il-lingwa tal-moviment tieħu post il-ġudizzju: titlaq minn idea billi tixtarr alternattivi ġodda filwaqt li l-provokazzjoni titqies bħala l-aktar aspett importanti. |
| Blu | Kreattiv, moviment, provokazzjoni. Jorganizza l-ħsibijiet, jipproponi jew jitlob li jintużaw kpiepel oħrajn | Jiddefinixxi l-oqsma li fihom trid tidderieġi l-ħsieb tiegħek filwaqt li jiddetermina l-ħidmiet li jridu jsiru. Responsabbli mis-sinteżi, mill-viżjoni globali u mill-konklużjonijiet |

Din id-dinamika tintuża sabiex ikunu indirizzati l-oqsma li ġejjin:

- Metodi differenti kif tista' taddatta l-ġurnata tax-xogħol u kif tista' tqassam il-ħin
    - Sigħat imnaqqsa
    - Telexogħol[5]
    - Tqassim tax-xogħol
    - Ħin flessibbli
- Il-vantaġġi li jkollok ħaddiema sodisfatti
- Uri r-relazzjoni bejn il-flessibbiltà u l-produttività fl-organizzazzjoni billi tippreżenta każ mid-dinja tan-negozju
- Leave minħabba mard jew bil-permess
- Leave tal-paternità
- Servizzi differenti ta' konċiljazzjoni: servizzi għall-kura tat-tfal jew sussidji għall-kura tat-tfal
- Miżuri fil-liġijiet u fil-ftehimiet kollettivi

Wara s-sessjoni, ir-rappreżentanti kollha jintalbu jaħsbu u jikkummentaw dwar dan li ġej:

- X'qiegħed isir bħalissa fl-organizzazzjoni tiegħi dwar il-konċiljazzjoni?
- X'inhuma l-konsegwenzi ta' dan għall-irġiel u għan-nisa?
- X'miżuri jistgħu jiddaħħlu f'dan il-qasam?

Irreferi għal żewġ eżempji ta' organizzazzjonijiet jew kumpaniji li wettqu miżuri ta' konċiljazzjoni

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: 3 sigħat**

[5] Bl-Ingliż "teleworking". Dan it-terminu jirreferi għal xogħol, imma minn post ieħor eż. mid-dar.

# Ċ.5. ATTIVITÀ FI GRUPP: Sessjoni dwar proposti u ħidmiet

**Għan:**

- Biex jitwettqu sensiela ta' ħidmiet serji u oġġettivi u li tista' ssir evalwazzjoni tagħhom, kemm bħalissa kif ukoll fit-tul, u dan skond it-tagħif miksub mill-evalwazzjoni ta' kull organizzazzjoni
- Biex nidentifikaw liema passi trid tieħu kull organizzazzjoni biex tħeġġeġ it-tisħiħ tal-mara

**Metodoloġija:** Attiva u parteċipattiva, xogħol individwali minn kull organizzazzjoni

**Proċedura:**

Agħti lil kull organizzazzjoni kopja tal-karta bl-attività mehmuża (Karta bl-attività Ċ.5).

L-għan ta' din il-karta hu li tgħin lil kull organizzazzjoni tagħraf f'liema sitwazzjoni kienet tinsab fil-bidu fejn jidħol it-tisħiħ tal-mara, u x'miżuri hemm bżonn li jittieħdu sabiex din titjieb.

Waqt li qiegħda timtela l-karta, kull organizzazzjoni trid tikkunsidra r-riżultati ta' l-evalwazzjoni li saret fil-bidu u l-oqsma diskussi matul is-sessjonijiet. Il-ħidmiet tagħhom iridu jinkludu wkoll iż-żmien sakemm iridu jinbdew.

**Ħin meħtieġ bejn wieħed u ieħor: siegħa u nofs**

# It-Tielet Parti: EVALWAZZJONI

## Ċ.6. ATTIVITÀ ORGANIZZATTIVA: Evalwazzjoni kontinwa u finali

**Għan:**

- Biex nevalwaw il-kwantità u l-kwalità tal-ħidmiet imwettqa minn kull organizzazzjoni wara li tkun ħadet sehem fis-sessjonijiet
- Biex niddeterminaw sa kemm imxiet magħhom

**Metodoloġija:** Kull organizzazzjoni li qiegħda tieħu sehem hi responsabbli li tkompli ssegwi l-azzjonijiet ippjanati sa l-aħħar

**Proċedura:** Hemm żewġ evalwazzjonijiet ta' l-aħħar:

### Evalwazzjoni immedjata: Malli jintemmu s-sessjonijiet, kull organizzazzjoni trid tevalwa:

- X'kienet is-sitwazzjoni tagħha qabel ma bdew is-sessjonijiet
- X'bidliet seħħu waqt il-proċess
- X'ħidmiet inbdew bħala riżultat tas-sessjonijiet

Għal dan il-għan se jkunu kkunsidrati l-kwestjonarji li mtlew f'Attività Ċ.1. u mill-ġdid f'Attività Ċ.6.

Sabiex tkun tista' tevalwa l-proċess sħiħ, għandek bżonn titlob għar-reazzjonijiet tal-parteċipanti (Appendiċi 5, Karta bl-evalwazzjoni)

### Evalwazzjoni fit-tul: Din it-tip ta' evalwazzjoni, li tibqa' għaddejja sa l-aħħar, tinqasam f'żewġ stadji differenti:

Matul l-ewwel stadju ta' l-evalwazzjoni: kull organizzazzjoni trid twaqqaf gruppi ta' ħidma sabiex tevalwa l-progress imwettaq fl-oqsma li ġejjin, kif ukoll sabiex tkompli għaddejja bl-istħarriġ tagħha kull sitt xhur:

- X'impatt ħalla l-fatt li ddaħħlu dawn il-miżuri?
- X'gawdiet minnhom l-organizzazzjoni?
- Kien hemm żieda fil-livell ta' sodisfazzjon fost dawk involuti?
- L-impressjoni li kienet tagħti l-organizzazzjoni tiegħek inbidlet malli ddaħħlu dawn il-miżuri?

Matul it-tieni stadju ta' l-evalwazzjoni: wara sentejn, kull organizzazzjoni trid tgħaddi l-kwestjonarji analitiċi li mliet fil-bidu:

- L-organizzazzjoni trid tixtarr is-sitwazzjoni l-ġdida li tinsab fiha skond it-tagħrif li nkiseb
- Issir analiżi ta' l-evalwazzjoni l-ġdida li nkisbet filwaqt li titqabbel ma' dik li saret fil-bidu
- Il-parteċipanti kollha jridu jagħtu rendikont finali elaborat tar-riżultati miksuba tul il-proċess sħiħ. Dan ir-rendikont għandu jservi sabiex il-politika ta' l-organizzazzjoni tfassal fuqu ħidma xierqa.

L-għan ta' dan il-proċess hu li jkun hemm, għallinqas, żieda ta' 10% fl-għadd ta' nisa jaħdmu f'kull organizzazzjoni

Wieħed jista' jxandar fuq mezzi lokali tax-xandir il-miżuri mwettqa biex titjieb is-sitwazzjoni u jurihom bħala eżempji ta' ħidma xierqa.

Il-Gvern, jew kull entità oħra bħalma huma l-entitajiet li jaħdmu għall-ugwaljanza, jista' mbagħad jirreklama dawk l-organizzazzjonijiet li jirnexxilhom jilħqu l-għanijiet stabbiliti u jippremjahom. Ġrajja bħal din tista' sservi ta' inċentiv għall-organizzazzjonijiet li qegħdin jieħdu sehem u għal oħrajn

empower Nipprovdu taħriġ b'riżq l-ugwaljanza

# APPENDIĊI 1
# KARTI BL-ATTIVITAJIET

# Karta bl-attività A.1. Formola bil-profil personali

## Dettalji personali (kunfidenzjali). Jekk jogħġbok imla kollox

Nru. ta' Referenza:

1. Isem:

2. Indirizz:

3. Kodiċi Postali:

4. Tel. tad-dar: Mowbajl:

5. Posta elettronika

6. Data tat-twelid

7. Numru tas-Sigurtà Soċjali:

## Tagħrif akkademiku

**ċertifikati akkademiċi**

| Suġġetti li għaddejt minnhom | Livell (O/Inter/A) | Grad | Sena |
|---|---|---|---|
| | | | |

Ċertifikati oħrajn (universitarji, MCAST ...)

| Grad/Diploma/Ċertifikat | Sena | Eżamijiet li għadek trid tagħmel (jekk applikabbli) |
|---|---|---|
| | | |

Taħriġ vokazzjonali

| Dettalji dwar il-kors | Aġenzija/Istituzzjoni | Dati/Riżultati |
|---|---|---|
| | | |

Kwalifiki professjonali

| Dettalji dwar il-kors | Dati | Riżultat | Nru. ta' reġistrazzjoni (liċenzja, warrant ...) professjonali/statali u d-data sa kemm tgħodd | Eżamijiet li għadek trid tagħmel |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

Esperjenza
Jekk jogħġbok, niżżel ix-xogħlijiet li kellek (inkludi wkoll dak li għandek bħalissa)

| Employer | Grad/Pożizzjoni | Responsabbiltajiet | Dati | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Minn | Sa |
| | | | | |

(Jekk hemm bżonn, kompli f'paġna oħra)

Fiex tinteressa ruħek?

Fejn tixtieq tasal?

X'jinkwetak meta tiġi biex tipprova tlaħħaq mal-ħajja personali tiegħek, mal-familja u max-xogħol?

X'jinkwetak meta tiġi biex issib xogħol u tipprova żżommu?

X'għajnuna tħoss li għandek bżonn meta tiġi biex issib xogħol u tipprova żżommu?

Tħoss li hemm xi tagħrif ieħor li tixtieq iżżid?

Għal użu uffiċjali biss: (disponibbiltà u l-bqija)

Firma ta' min ta t-taħriġ: Data:

Firma ta' min ikkoordina: Data:

# Karta bl-attività A.2.

## Kemm naf lili nnifsi/Kif inħares lejja nnifsi

**A)** Liema fost il-karatteristiċi li ġejjin tħosshom jiddeskrivuk l-aktar?
(B'marker kulur jgħajjat aqta' linja taħt l-10 karatterisitiċi li tħosshom jiddeskrivuk l-aktar)

**B)** Wara li timmarka l-karatteristiċi li jiddeskrivuk, żid is-sinjal (+) jekk tħosshom ta' vantaġġ jew pożittivi jew żid is-sinjal (-) jekk tħosshom ta' żvantaġġ jew negattivi.

| | | |
|---|---|---|
| QALBI TAJBA | BLA PAĊENZJA | IKKUMPLIKAT/A |
| LEST/A NGĦIN | IMMAĠINATTIV/A | MIFTUĦ/A |
| FERRIEĦI/JA | SENSIBBLI | SOĊJEVOLI |
| INDIPENDENTI | DIŻORGANIZZAT/A | INTERESSANTI |
| KAPAĊI NIKKONTROLLA LILI NNIFSI | OSSERVATUR/OSSERVATRIĊI | DIPENDENTI |
| SPONTANJU/A | IMFERFEX/IMFERFXA | AMBIZZJUŻ/A |
| IBBILANĊJAT/A | PRATTIKU/A | BLA QALB |
| ESIĠENTI | KREATTIV/A | NADIF/A |
| ATTENT/A | SENSITTIV/A | INDEĊIŻ/A |
| MIMLI/JA ENERĠIJA | KALM/A | IMPULSIV/A |
| FLESSIBBLI | TOLLERANTI | NOĦLOQ FTEHIM |
| NURI RISPETT | KUNFIDENTI FIJA NNIFSI | RIBELLUŻ/A |
| NERVUŻ/A | MA NOQGĦODX INDUR MAL-LEWŻA | SIGUR/A |
| DINAMIKU/A | PUNTWALI | MISTĦI/JA |
| NINFLUWENZA RUĦI MALAJR | MOTIVAT/A | TISTA' TORBOT FUQI |
| NINTERESSA RUĦI FL-OĦRAJN | RESPONSABBLI | ORGANIZZAT/A |
| INSIGUR/A | MA TISTAX TORBOT FUQI | INTELLIĠENTI |
| DIVERTENTI | ANZJUŻ/A | MINN TAGĦNA |
| RILASSAT/A | INPAĊPAĊ ĦAFNA | KWIET/A |

# Karta bl-attività A.3.

## Il-konvinzjoni fija nnifsi/Il-motivazzjoni fija nnifsi/Insolvi l-konflitti waħdi

**L-ewwel stadju: Għid x'inhuma l-għanijiet tiegħek**

**It-tieni stadju: Identifika liema huma l-passi ż-żgħar ta' matul it-triq - il-ġrajjiet ewlenin - u sa kemm żmien iridu jintlaħqu**

**It-tielet stadju: Min jista' jgħinek takkwista r-riżorsi li teħtieġ biex tkun tista' tilħaq l-għanijiet tiegħek?**

| **In-nru. ta' l-għan _____**<br>(inkludi sa kemm żmien irid jintlaħaq) | **ġrajjiet ewlenin**<br>(passi żgħar li jwasslu għall-għan ewlieni) | **Min/X'jista' jgħinek?** |
|---|---|---|
| | | |

Għandek għan INTERESSANTI?

Imqassam skond iż-żmien

Tista' tkejlu

Mgħammar kif meħtieġ bir-riżorsi

Speċifiku

Jista' jintlaħaq

# Karta bl-attività A.7.

## Ir-rwol favorit tiegħi

Aqra t-30 tweġiba li ġejjin u mmarkahom kif ġej:

0: rari jew qatt
1: kultant
2: spiss

Malli tlesti, għodd it-total ta' kull kolonna (A, B u Ċ)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. Jekk ma nkunx nista' ngħin lil xi ħadd, inħossni bla skop u vojt/a | | 2. M'għandix fiduċja fija nnifsi u għandi bżonn l-approvazzjoni u l-kuraġġ ta' l-oħrajn | | 3. Kapaċi nqiegħed f'postu lil min narah prużuntuż | |
| 4. Qatt ma jirnexxili nsib ħin għalija nnifsi | | 5. Ma nafx kif niddefendi lili nnifsi | | 6. M'għandix paċenzja ma' min narah inkompetenti, stupidu u l-bqija | |
| 7. Minkejja li nkun mgħakkes/mgħakksa, insibha bi tqila biex ngħid "le" lil xi ħadd meta jitlob-ni pjaċir | | 8. Minkejja li nipprova ħafna, jiena mferfex/mferfxa u ma jirnexxilix nikseb suċċess | | 9. Mill-ewwel ngħid lil dak li jkun x'għandu jagħmel jew x'missu għamel | |
| 10. Inħossni onorat/a li nagħti aktar minn dak li jkun mistenni minni | | 11. Meta l-affarijiet imorru ħażin, għandi tendenza nwaħħal fija nnifsi | | 12. Ngħin lill-oħrajn billi nuriħom l-iżbalji li għamlu | |
| 13. Ma noqgħodx nistenna li jitolbuni l-għajnuna: ngħin qabel ma jitolbuni | | 14. Nibża' li ma nkunx kapaċi meta niġi biex nagħmel xi ħaġa | | 15. Mill-ewwel nintebaħ meta xi ħadd ikun qed jagħmel xi ħaġa ħażina | |
| 16. Dejjem nispiċċa nagħmel aktar milli nixtieq | | 17. Inħoss li l-oħrajn kapaċi aktar minni | | 18. M'għandix paċenzja meta nara l-iżbalji ta' l-oħrajn | |
| 19. Inħossni responsabbli mill-mod kif iħossuhom l-oħrajn meta jkunu ħdejja | | 20. Insibha bi tqila biex ngħid "le" lin-nies | | 21. Ħaddieħor iqisni żorr/a, sarkastiku/a u ma tantx noqgħod nogħmodha | |
| 22. Nibqa' nafda fin-nies sakemm jiddiżappuntawni | | 23. Niskuża ruħi u nirringrazzja lin-nies aktar mill-oħrajn u b'hekk ħaddieħor jispiċċa jużani | | 24. Ma niħux gost nagħmel l-iżbalji, anki jekk żgħar | |
| 25. Inħoss li l-oħrajn ma jifhmux kemm nagħmel għalihom | | 26. Għandi l-impressjoni li ħaddieħor jużani | | 27. Inkun naf x'se jgħidu l-oħrajn qabel ma jgħiduh | |
| 28. Inħoss li n-nies ma japprez-zawnix | | 29. Jekk xi ħadd ħdejja jkollu burdata ħażina, mill-ewwel nibda naħseb xi stajt għamilt ħażin | | 30. Meta l-affarijiet imorru ħażin, taqbiżli u mill-ewwel nara f'min se nwaħħal | |
| Total A | | Total B | | Total Ċ | |

(Lista ta' Tranżazzjoni, Pascal Baute 1983)

# Karta bl-attività A.8.

## X'naħseb dwari nnifsi

Jekk jogħġbok, wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

## Il-mod limitat li bih inħares lejja nnifsi bħalissa

1. B'liema mod limitat qiegħed/qiegħda inħares lejja nnifsi u lejn ħajti bħalissa? (Eż.: ma jixraqlix; mhux se nkun kapaċi; inħossni ħati/ħatja meta ma nkunx qed "naħdem" il-ħin kollu għal xi ħaġa ...) Ħjiel: aħseb f'sitwazzjoni li għandek f'ħajtek bħalissa u li qiegħda toħloqlok sfida u użaha biex tgħinek timraħ.

2. B'liema mod dak li taħseb dwarek innifsek bħalissa qiegħed jaffettwak? (Eż.: tirrabja malajr; ma torqodx biżżejjed; għajjien/a; għandek problemi finanzjarji; għandek relazzjonijiet ħżiena?)

3. Immaġina, ipprova biss immaġina, dik is-sitwazzjoni fejn inti TISTA' tbiddel x'taħseb dwarek innifsek. Meta tirrifletti b'dan il-mod wiesa' u pożittiv, x'taħseb inti stess dwarek innifsek? Niżżel ħsibijietek hawn.

4. X'inhuma l-attitudnijiet restrittivi[6] li għandek u li bħalissa f'ħajtek mhux qed iħalluk taħseb b'mod POŻITTIV dwarek innifsek? (Eż.: Tħobb tibda xi ħaġa b'ħafna entużjażmu u wara ma tkomplihiex? Tafda lilek innifsek? Tħossha iebsa biex tgħid "LE"? Tagħti aktar widen għal x'jgħid ħaddieħor milli għal x'qed tħoss int fik innifsek? Tipprova togħġob lill-oħrajn il-ħin kollu u tispiċċa twarrab il-ħtiġijiet tiegħek stess?

5. X'qed titlef minħabba dawn l-attitudnijiet restrittivi? (Eż.: tħossok frustrat/a għax għandek proġett u m'intix qed tarah se jirnexxi; tħossok bla enerġija; għandek dipressjoni?)

6 B'attitudni restrittiva' qed nifhmu tip ta' attitudni li b'xi mod tillimitak u ma tħallikx timxi 'l quddiem.

## Inbiddel dak li nħoss dwari nnifsi billi nbiddel l-attitudni tiegħi, jew inbiddel l-attitudni tiegħi billi nbiddel dak li nħoss dwari nnifsi ...!

1. X'jiġi l-ewwel? Niżżel waħda mill-attitudnijiet restrittivi li għandek u niżżilha hawn taħt.

2. X'se tgawdi jekk tbiddel din l-attitudni?

3. X'passi żgħar tista' TIBDA TAGĦMEL biex tbiddel din l-attitudni?

4. Għandek bżonn l-għajnuna biex tkun tista' tbiddel din l-attitudni? (Jekk iva, ta' min?)

5. Lest/a tbiddilha din l-attitudni meta taf x'tista' tgawdi jekk tagħmel dan?

6. Lest/a tintrabat li tbiddel din l-attitudni?

7. Meta se tagħmel l-ewwel pass?

# Karta bl-attività A.9.

## L-iskala tas-sodisfazzjon

It-tmien taqsimiet fir-"rota" ta' hawn taħt juru l-bilanċ bejn l-oqsma varji ta' ħajtek. Ħu n-numru 1 bħala ċ-ĊENTRU tar-rota u n-numru 10 bħala x-XIFER TAR-ROTA u mmarka kemm tħoss sodisfazzjon f'kull qasam ta' ħajtek. Aqta' linja f'kull taqsima biex turi x'punteġġ ġibt. Malli tlesti, intebaħ li d-dawra l-ġdida li ffurmat fuq ġewwa taċ-ċirku tirrappreżenta r-rota ta' ħajtek. Allura, kemm skossi kien ikollha t-triq kieku kellek tuża r-rota?







**Issa, qis dawn il-mistoqsijiet u weġibhom fl-ispazju pprovdut**

**1. Li kieku kellek tagħżel qasam tal-ħajja wieħed biss minn fost dawn biex tibda twettaq il-bidliet, liema tagħżel?**

**2. Xi xtaqt dejjem tagħmel f'dan il-qasam imma żammejt lura milli tipprova?**

3. X'tagħmel differenti kieku ma tibqax iżżomm lura?

4. Kif tinbidillek ħajtek malli tibda twettaq din il-bidla?

5. Fil-verità, x'qiegħed iżommok milli tagħmel din il-bidla?

# Karta bl-attività B.2.

## It-teżor uman

Sib persuna li għandha din il-karatteristika u niżżel isimha (ipprova tirrepetix ismijiet).

1. Persuna li tilbes l-istess daqs ta' żarbun ........................................................
2. Persuna li kapaċi ssemmi pajjiż immexxi minn mara ........................................................
3. Persuna li twieldet fl-istess xahar tiegħek ........................................................
4. Persuna li kapaċi ssemmi żewġ nisa importanti ........................................................
5. Persuna liebsa xi ħaġa ħamra ........................................................
6. Persuna li għexet f'pajjiż ieħor ........................................................
7. Persuna li ħadmet bħala plumber ........................................................
8. Persuna li tifforma familja b'ġenitur wieħed ........................................................
9. Persuna li qrat ktieb miktub minn mara ........................................................
10. Persuna li tikteb il-poeżija ........................................................
11. Persuna li kellha xogħol mal-Gvern ........................................................
12. Persuna li kapaċi ssemmi triq, pjazza jew monument imsemmija għal mara/nisa ........................................................
13. Persuna li kapaċi tlaħħaq mal-familja, mal-ħajja personali u max-xogħol ........................................................
14. Persuna li taf tgħid ċajta ........................................................
15. Persuna li ħadt grazzja magħha mill-ewwel darba li rajtha ........................................................
16. Persuna membru ta' moviment soċjali jew ta' assoċjazzjoni ........................................................
17. Persuna li ddoqq strument mużikali ........................................................
18. Persuna li ħadet sehem f'kors/workshop dwar opportunitajiet indaqs ........................................................

# Karta bl-attività Ċ.5.

## Sitwazzjoni organizzattiva

### X'kienet is-sitwazzjoni ta' l-organizzazzjoni fil-bidu

Fejn jidħlu l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni:

Fejn jidħlu l-avvanzi fil-karriera u t-teħid ta' deċiżjonijiet

Fejn jidħol it-taħriġ:

Fejn tidħol il-possibbiltà li l-ħaddiema jlaħħqu mal-familja, mal-ħajja personali u max-xogħol:

### X'ħidmiet se jitwettqu wara s-sessjonijiet

Fejn jidħlu l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni:

**Sa kemm żmien iridu jitwettqu**

Fejn jidħlu l-avvanzi fil-karriera u t-teħid ta' deċiżjonijiet

**Sa kemm żmien iridu jitwettqu**

Fejn jidħol it-taħriġ:

**Sa kemm żmien iridu jitwettqu**

Fejn tidħol il-possibbiltà li l-ħaddiema jlaħħqu mal-familja, mal-ħajja personali u max-xogħol:

**Sa kemm żmien iridu jitwettqu**

empower Nipprovdu taħriġ b'riżq l-ugwaljanza

# APPENDIĊI 2
# ARGUMENTI KONTRA L-PREĠUDIZZJU

## • In-nisa jfallu mix-xogħol aktar mill-irġiel

Meta persuna tfalli mix-xogħol, ma tfallix għax taf li tista' tfalli jew inkella għax trid tlaħħaq max-xogħol u l-familja, imma minħabba kundizzjonijiet ħżiena fuq ix-xogħol li jġiegħlu lin-nies ifallu aktar.  Dan jiġri l-aktar f'dawk ix-xogħlijiet bl-anqas kwalifiki, li għandhom ftit stima u li jġorru magħhom pagi baxxi

(Importanti li f'din it-taqsima tinkludi statistiċi, imqassmin skond is-sess, li juru r-raġunijiet ewlenin għala n-nies ifallu mix-xogħol)

## • In-nisa huma aktar responsabbli u organizzati mill-irġiel

Il-kwalitajiet personali, bħalma huma l-organizzazzjoni u r-responsabbiltà, ma jiddependux mis-sess tal-persuna. Huma kwalitajiet li nakkwistawhom u ssibhom indaqs kemm fin-nisa kif ukoll fl-irġiel

## • In-nisa huma anqas f'saħħithom fiżikament

## • Ċerti xogħlijiet m'għandhomx isiru min-nisa minħabba li huma ħafna ibsin għalihom: xogħol fil-bini u fil-barrieri, fit-trasport u l-bqija

Matul l-istorja, in-nisa wettqu xogħol iebes fiżikament. Matul il-gwerer, in-nisa ħadu post l-irġiel fuq il-lant tax-xogħol, inkluż f'dawk ix-xogħlijiet li fil-fehma ta' ħafna kienu jirrikjedu saħħa fiżika kbira, ngħidu aħna xogħol fil-funderiji u fil-bini.

Illum il-ġurnata, jeżistu ftit xogħlijiet li jeħtieġu saħħa fiżika kbira minħabba li t-teknoloġija moderna u l-iżvilupp ta' metodi ġodda fix-xogħol ħaffew sew dawn ix-xogħlijiet ibsin. Bis-saħħa ta' l-għodod, dan it-tip ta' xogħol naqas filwaqt li tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema kollha, l-aktar fejn tidħol is-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

In-nisa, minkejja li huma nisa, mhux kollha għandhom l-istess saħħa fiżika, u l-irġiel, minkejja li huma rġiel, mhux kollha huma f'saħħithom. Jagħmel sens li meta persuna tapplika għal xogħol, jitqiesu kemm il-livell ta' saħħa fiżika meħtieġa għal dak ix-xogħol partikulari kif ukoll il-ħila tagħha li twettaq dak ix-xogħol, irrispettivament jekk din hijiex mara jew raġel.

## • Ix-xogħol part-time aħjar għan-nisa milli għall-irġiel ħalli b'hekk ikunu jistgħu jlaħħqu mal-ħajja tal-familja u max-xogħol.

Kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel għandhom ir-responsabbiltà li joħolqu bilanċ bejn id-dinja tax-xogħol u l-ħajja personali, u mhux in-nisa biss.

Kull politika ġdida mfassla dwar ir-riżorsi umani titfa' ħarsitha fuq il-ħtieġa li jinħoloq bilanċ bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja privata biex b'hekk il-persuna tagħti aktar, u għaldaqstant tiżdied il-produttività.

(Importanti li f'din it-taqsima tinkludi eżempji ta' ħidma xierqa minn kumpaniji li żviluppaw politika dwar il-bżonn li l-ħaddiema jsibu bilanċ bejn id-dinja tax-xogħol u l-ħajja personali, li tinkludi fost l-oħrajn it-tifsil ta' normi nazzjonali b'riżq il-bilanċ bejn il-ħajja personali, tal-familja u tax-xogħol)

- Minħabba li għan-nisa l-familja tiġi qabel il-ħajja professjonali tagħhom, jispiċċaw ikollhom anqas ħin disponibbli u b'hekk ikunu anqas involuti fil-kumpanija

- In-nisa m'għandhomx it-taħriġ tekniku meħtieġ sabiex jokkupaw pożizzjonijiet ta' responsabbiltà, u lanqas m'huma interessati li jingħatalhom it-taħriġ ħalli jkomplu javvanzaw

  In-nisa ma jridux sempliċiment li jkollhom xogħol, imma jinkwetahom ukoll l-iżvilupp professjonali tagħhom.

  In-nisa jagħtu importanza kbira lit-taħriġ tagħhom, kemm akkademikament kif ukoll professjonalment.

  (Importanti li f'din it-taqsima tinkludi statistiċi dwar nisa u rġiel li qegħdin jieħdu sehem fi proċessi ta' edukazzjoni u tagħlim għal matul il-ħajja)

- In-nisa m'humiex kapaċi jmexxu u jieħdu deċiżjonijiet daqs l-irġiel

- In-nisa huma agħar mill-irġiel kemm bħala mgħallmin fuq il-post tax-xogħol kif ukoll bħala kollegi minħabba li jaqgħu aktar għall-istress u jkunu emottivi kull meta jinħoloq konflitt

  Il-ħila li tagħraf tmexxi u l-kompetenza professjonali m'humiex marbuta ma' sess partikulari. Kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel kapaċi jkollhom il-ħiliet neċessarji biex imexxu tim u jieħdu deċiżjonijiet effettivi. Kumpanija li għandha politika tajba dwar ir-riżorsi umani għandha tagħżel il-persuna x-xierqa, irrispettivament mis-sess tagħha.

empower Nipprovdu taħriġ b'riżq l-ugwaljanza

# APPENDIĊI 3

## L-ewwel kwestjonarju - għal min għandu kariga eżekuttiva jew qiegħed fil-*middle management*

## It-tieni kwestjonarju - għall-parteċipanti u/jew għall-ħaddiema

# L-ewwel kwestjonarju - għal min għandu kariga eżekuttiva jew qiegħed fil-middle management

Mara ☐ Raġel ☐

## A. Deskrizzjoni ta' l-organizzazzjoni:

Isem l-organizzazzjoni: ____________________

Numru sħiħ ta' ħaddiema: __________ Numru ta' nisa: __________ Numru ta' rġiel: __________

Pożizzjoni fl-organizzazzjoni: ____________________

## ORGANIGRAMMA:

| Amministrazzjoni prinċipali | | Middle management | | Professjonisti | | ħaddiema amministrattivi | | ħaddiema tas-sengħa | | ħaddiema mhux tas-sengħa | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M |
| | | | | | | | | | | | |

| Dipartimenti | Amministrazzjoni Prinċipali | | Middle management | | Professjonisti | | Ħaddiema amministrattivi | | Ħaddiema tas-sengħa | | Ħaddiema mhux tas-sengħa | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dipt.1: | | | | | | | | | | | | |
| Dipt.2: | | | | | | | | | | | | |
| Dipt.3: | | | | | | | | | | | | |
| Dipt.4: | | | | | | | | | | | | |
| Dipt.5: | | | | | | | | | | | | |
| Dipt.6: | | | | | | | | | | | | |
| Dipt.7: | | | | | | | | | | | | |
| Dipt.8: | | | | | | | | | | | | |

| IT-TQASSIM TAL-ĦADDIEMA SKOND KATEGORIJI PROFESSJONALI | | | |
|---|---|---|---|
| Kategorija professjonali | Numru ta' nisa: | Numru ta' rġiel: | TOTAL |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| TOTAL | | | |

| IT-TQASSIM TAL-ĦADDIEMA SKOND IL-PAGA MOGĦTIJA (1) | | | |
|---|---|---|---|
| Paga | Numru ta' nisa: | Numru ta' rġiel: | TOTAL |
| Taħt is-€600 | | | |
| €600 - €900 | | | |
| €901 - €1200 | | | |
| €1201 - €1800 | | | |
| €1801 - €2400 | | | |
| Aktar minn €2400 | | | |
| TOTAL | | | |

(1) Paga gross fix-xahar u inċentivi

| IT-TIP TA' KUNTRATT | | | |
|---|---|---|---|
| Tip ta' kuntratt | Numru ta' nisa: | Numru ta' rġiel: | TOTAL |
| Tal-post | | | |
| Temporanju | | | |
| Fuq bażi ta' kummissjoni jew servizz | | | |
| Fuq taħriġ marbut max-xogħol | | | |
| Bla kuntratt | | | |
| Oħrajn: | | | |
| TOTAL | | | |

| | Numru ta' nisa: | Numru ta' rġiel: |
|---|---|---|
| Full time | | |
| Part time | | |
| Sigħat imnaqqsa | | |

## B. Tqassim tax-xogħol u tar-responsabbiltajiet

Dipartiment: ____________________

Numru ta' rġiel: ____________________ Numru ta' nisa: ____________________

Id-dipartiment tiegħek jista' jiddeċiedi waħdu? Iva ☐ Le ☐

Jekk "Le", minn liema dipartiment jiddependi? ____________________

Jiddependi minn dipartimenti oħrajn ekonomikament? Iva ☐ Le ☐

Jekk "Iva", minn liema dipartiment jiddependi? ____________________

Tista' tiddeċiedi waħdek? Iva ☐ Le ☐

Jekk "Le", għaliex? ____________________

**Kemm hemm irġiel u nisa li jieħdu sehem rispettivament fl:**

| | Numru ta' nisa: | Numru ta' rġiel: |
|---|---|---|
| Gruppi amministrattivi | | |
| Gruppi ta' ħidma | | |
| Gruppi evalwattivi | | |

**L-organizzazzjoni tiegħek fasslet xi miżuri speċifiċi sabiex jinħolqu opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa?**

Iva ☐ Le ☐

**Jekk "iva", jekk jogħġbok speċifika xiex**

- ☐ Tingħata prijorità lis-sess bl-anqas rappreżentanza
- ☐ Jingħata taħriġ speċifiku f'kull kategorija
- ☐ Jeżistu kwoti ta' parteċipazzjoni
- ☐ Teżisti flessibbiltà fil-ħin
- ☐ Miżuri oħrajn:

**Jeżisti fl-organizzazzjoni xi dipartiment jew membru ta' l-istaff ikkwalifikat responsabbli minn kwistjonijiet marbuta ma' opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa?**

Iva ☐ Le ☐

**Fil-fehma tiegħek, kif inhi l-qagħda tan-nisa meta mqabbla ma' dik ta' l-irġiel fl-organizzazzjoni tiegħek fl-oqsma li ġejjin?**

| Aċċessibbiltà għal kull pożizzjoni u kategorija | Aħjar | Indaqs | Agħar |
|---|---|---|---|
| Taħriġ | ☐ | ☐ | ☐ |
| Rappreżentanza fi trade union | ☐ | ☐ | ☐ |
| Tqassim tar-responsabbiltà | ☐ | ☐ | ☐ |
| Teħid ta' deċiżjonijiet | ☐ | ☐ | ☐ |

**Tħoss il-bżonn li fl-organizzazzjoni tiegħek jittieħdu xi miżuri li jħeġġu opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa?**

Iva ☐ Le ☐

**Għaliex? U jekk "iva", liema miżuri tħosshom meħtieġa?**

**Jekk tixtieq, tista' żżid xi kummenti jew suġġerimenti**

# Grazzi ħafna talli ħadt sehem!

# It-tieni kwestjonarju - għall-parteċipanti u/jew għall-ħaddiema

Mara ☐ Raġel ☐

## A. Deskrizzjoni ta' l-organizzazzjoni:

Kategorija professjonali: ______

Pożizzjoni fl-organizzazzjoni: ______

Dipartiment: ______

**Għandek xi pożizzjoni fl-union?**

Le ☐ Iva ☐ (speċifika):

**Jeżistu xi miżuri speċifiċi fl-organizzazzjoni tiegħek biex jinħoloq bilanċ bejn il-qagħda ta' l-irġiel u dik tan-nisa?**

Iva ☐ Le ☐

**Jekk "iva", jekk jogħġbok għid liema huma**

- ☐ Tingħata prijorità lis-sess bl-anqas rappreżentanza
- ☐ Jingħata taħriġ speċifiku f'kull kategorija
- ☐ Jeżistu kwoti ta' parteċipazzjoni
- ☐ Teżisti flessibbiltà fil-ħin
- ☐ Miżuri oħrajn:

______

______

**Ħadt vantaġġ minn xi miżura?**

Iva ☐ Le ☐

**Jekk "iva", jekk jogħġbok speċifika**

______

______

______

## B. Tqassim tax-xogħol u tar-responsabbiltajiet

**Hemm aktar irġiel milli nisa fl-organizzazzjoni tiegħek?**

☐ Irġiel

☐ Nisa

☐ Indaqs

**Jekk m'humiex indaqs, x'inhuma r-raġunijiet ewlenin?** ____________________

____________________

____________________

**Ġieli osservajt xi pożizzjonijiet jew dipartimenti fil-kumpanija tiegħek li huma ...?**

☐ Fil-biċċa l-kbira tagħhom iddominati mill-irġiel

Liema huma? ____________________

Għaliex? ____________________

☐ Fil-biċċa l-kbira tagħhom iddominati min-nisa

Liema huma? ____________________

Għaliex? ____________________

☐ Il-pożizzjonijiet u d-dipartimenti daqs kemm jinkludu rġiel jinkludu nisa

**Ġieli osservajt jekk kienx hemm xi kwistjoni fil-kumpanija li dwarha ddeċidew biss ...?**

☐ L-irġiel

Liema huma? ____________________

Għaliex? ____________________

☐ In-nisa

Liema huma? ____________________

Għaliex? ____________________

☐ Id-deċiżjonijiet jittieħdu min-nisa u mill-irġiel indaqs

**Faċli li persuna tavvanza fl-organizzazzjoni tiegħek?**

Iva ☐ Le ☐

Għaliex? ____________________

____________________

**Min għandu l-aktar pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fil-kumpanija tiegħek?**

☐ L-irġiel

☐ In-nisa

☐ Indaqs

Jekk m'humiex indaqs, x'inhuma r-raġunijiet ewlenin?

Fil-fehma tiegħek, l-irġiel u n-nisa huma rrappreżentati ndaqs meta jittieħdu d-deċiżjonijiet fl-organizzazzjoni tiegħek?

Iva ☐ Le ☐

Għaliex?

**Tħoss li l-organizzazzjoni tikkunsidra l-opinjonijiet ta' l-irġiel u tan-nisa bl-istess mod?**

Iva ☐ Le ☐

Jekk "Le", x'inhuma r-raġunijiet fl-opinjoni tiegħek?

**Ġieli ntlabt tagħti l-opinjoni personali tiegħek waqt li kienu qed jittieħdu xi deċiżjonijiet li jolqtu direttament lix-xogħol tiegħek?**

Iva ☐ Le ☐

**Tħoss li l-opinjonijiet professjonali ta' l-irġiel u tan-nisa jitqiesu bl-istess mod?**

Iva ☐ Le ☐

Għaliex?

**Tħoss li xi miżuri li ttieħdu mill-organizzazzjoni jaffettwaw lill-irġiel u lin-nisa b'mod differenti? Ngħidu aħna dwar:**

- ☐ L-aċċessibbiltà għall-organizzazzjoni
- ☐ Il-mod kif jingħataw il-promozzjonijiet għal pożizzjonijiet ta' responsabbiltà
- ☐ Is-sigħat tax-xogħol fl-organizzazzjoni
- ☐ Il-ħinijiet tal-laqgħat
- ☐ L-attivitajiet relatati max-xogħol
- ☐ Miżuri oħrajn:

**Jeżisti fl-organizzazzjoni xi dipartiment jew membru ta' l-istaff ikkwalifikat responsabbli minn kwistjonijiet marbuta ma' opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa?**

Iva ☐ Le ☐

**Taf b'xi każijiet ta' diskriminazzjoni fl-organizzazzjoni tiegħek?**

Iva ☐ Le ☐

**Jekk "Iva", kif ġabet ruħha l-organizzazzjoni f'dan il-każ?**

______________________________

______________________________

______________________________

**Jekk tixtieq, tista' żżid xi kummenti jew suġġerimenti**

______________________________

______________________________

______________________________

## Grazzi ħafna talli ħadt sehem!

empower Nipprovdu taħriġ b'riżq l-ugwaljanza

# APPENDIĊI 4
# Reċta: DINJA BIL-MAQLUB

## Dinja bil-maqlub

### K: Kandidat (raġel)

### I: Intervistatriċi: (mara)

K: Ġejt minħabba l-avviż li deher dwar il-post tax-xogħol vakanti

I: Sewwa (*tgħid il-kap tal-personal*). Jekk jogħġbok, poġġi bilqiegħda. X'jismek?

K: Alejandro López.

I: Miżżewweġ jew le?

K: Miżżewweġ.

I: Nixtieq navżak li l-amministrazzjoni ma tixtieqx timpjega rġiel miżżewġin għalissa. Fid-dipartiment tas-Sin. Perez, li għalih qegħdin infittxu l-ħaddiema bħalissa, hemm bosta rġiel li qegħdin bil-leave tal-paternità.
Iż-żgħażagħ, ovvjament, għandhom dritt li jibnu familja. Kif taf inti, il-kumpanija tagħna tagħmel ħwejjeġ għat-trabi u tħeġġiġhom sabiex ikollhom it-tfal, imma l-fatt li l-missirijiet futuri u dawk li għandhom it-tfal iż-żgħar ifallu mix-xogħol, joħloq problema kbira għan-negozju tagħna.

K: Nifhem, imma aħna għandna żewġt itfal u ma rridx tfal aktar. Barra minn hekk (*is-Sur López jiħmar u jtemtem*), qiegħed nieħu l-pillola kontraċettiva.

I: Kollox sew, mela nkomplu. Xi kwalifiki għandek?

K: Għandi l-O levels u ħadt taħriġ vokazzjonali sa l-ewwel livell fl-amministrazzjoni. Xtaqt inkompli bl-A levels imma konna erbgħa d-dar u l-ġenituri tagħna taw prijorità lil ħuti l-bniet. Għandi oħti kurunell, oħra tabiba u oħra mekkanik.

I: X'tagħmel martek?

K: Taħdem bħala mgħallem f'kumpanija li tiffabrika l-ħadid. Imma qiegħeda tistudja l-inġinerija, minħabba li fil-futur se tkompli bin-negozju li kienet bdiet ommha.

I: Niġu lura għalina, x'paga qiegħed tistenna li taqla'?

K: Ħeqq …

I: Ovvjament, bil-pożizzjoni li għandha martek u b'dak li qiegħed jistennieha, kulma għandek bżonn hu li taqla' dik ix-xi ħaġa żejda. Xi ħaġa żgħira biex tkun tista' tixtri xi ħaġa għalik, bħal kull raġel ieħor, għal dawk il-kapriċċi ż-żgħar tiegħek, xi libsa ... Qed noffru 400 ewro għall-bidu, xahar paga żejjed u bonus jekk ma tiħux leave. Sur López, ftakar jekk jogħġbok li dan hu assolutament meħtieġ f'kull pożizzjoni. Id-direttriċi tagħna kellha toħloq dan il-bonus sabiex tħeġġeġ lill-ħaddiema ħalli ma joqogħdux jieħdu t-time-off minħabba ċ-ċuċati. Irnexxielna nnaqqsu bin-nofs l-ammont ta' assentejiżmu fost l-irġiel, imma għad fadal xi rġiel li għadhom jieħdu l-leave jew għax uliedhom jisogħlu jew għax ma jifilħux jew għax hemm strajk l-iskola. Kemm għandhom żmien uliedek?

K: It-tifla għandha sitt snin u t-tifel erbgħa. It-tnejn imorru l-iskola. Niġborhom wara nofs in-nhar meta nitlaq mix-xogħol, qabel ma mmur nixtri. Filgħaxijiet noqgħod innaddaf u nippreparalhom il-ħobż għall-għada.

I: U jekk ikunu ma jifilħux, kif se tagħmel?

K: Jista' jieħu ħsiebhom in-nannu minħabba li joqgħod fil-qrib.

I: Kollox sew, grazzi, Sur López. Ninfurmawk bid-deċiżjoni tagħna fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur López ħareġ mill-uffiċċju ottimist.

Il-kap tal-personal ħarset lejh hu u sejjer. Kellu riġlejh qosra, dahru mħatteb u ftit li xejn xagħar. "Is-Sin. Pérez ma taħmilhomx irġiel bil-qargħa," ftakret. U d-direttriċi kienet qalet ukoll, "Nippreferi xi ħadd twil, bjond, sabiħ u mhux miżżewweġ,".
U s-Sin. Pérez se tkun id-direttriċi maniġerjali s-sena li ġejja.

Ġimagħtejn wara s-Sur López irċieva ittra li kienet tibda hekk:
"Jisgħob bina ngħarrfuk li, għalkemm il-profil tiegħek kien jaqbel mal-ħtiġijiet imfissra fil-pożizzjoni, ..."

empower | Nipprovdu taħriġ b'riżq l-ugwaljanza

# APPENDIĊI 5
# KARTA BL-EVALWAZZJONI

# Karta bl-evalwazzjoni

Bħala parti mix-xewqa tagħna li niggarantixxu servizz ta' kwalità, napprezzaw ħafna jekk tieħu ftit minuti sabiex timla dan il-kwestjonarju. Ir-reazzjonijiet u l-kummenti tiegħek huma importanti għalina u jintużaw sabiex niżviluppaw dan il-programm u ntejbuh aktar. It-tagħrif li se tgħaddilna jitqies bl-aktar mod kunfidenzjali.

Jekk jogħġbok, immarka l-istqarrijiet li ġejjin skond skala ta' 5 livelli, fejn in-numru 1 juri li ma taqbel xejn u n-numru 5 juri li taqbel għal kollox ma' l-istqarrija. Agħmel ċirku madwar it-tweġiba tiegħek.

**1. It-temi u l-metodoloġija ta' matul is-sessjonijiet kienu xierqa**

1 2 3 4 5

**2. Il-proċess sħiħ kellu biżżejjed ħin**

1 2 3 4 5

**3. Tqis li l-kwistjonijiet imqanqla waqt kull workshop kienu relevanti għall-organizzazzjoni tiegħek?**

Iva ☐ Le ☐

Għaliex? ________________________________________

**4. Is-sessjoni favorita tiegħi kienet**

**5. Liema workshop tħoss li għandu bżonn jitjieb? Jekk jogħġbok, għid liema u kkummenta.**

**6. Kull workshop kellu biżżejjed ħin**

1 2 3 4 5

**7. Kien hemm biżżejjed żmien bejn attività u oħra**

1 2 3 4 5

**8. Għalija l-mod sħiħ li bih tmexxa l-programm kien:**

Eċċellenti ☐ Tajjeb ħafna ☐ Tajjeb ☐ Mhux ħażin ☐ Batut ☐

**9. Għalija l-proċess sħiħ tal-metodoloġija mħaddma kien:**

Eċċellenti ☐ Tajjeb ħafna ☐ Tajjeb ☐ Mhux ħażin ☐ Batut ☐